

Brussell, 14 ta' Ġunju 2017
(OR. en)

10287/17

Fajl Interistituzzjonali:
2015/0149 (COD)

CODEC 1048
ENER 291
ENV 613
CONSOM 257
PE 43

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi qafas għat-tikkettar tal-effiċjenza tal-enerġija u li jħassar id-Direttiva 2010/30/UE - Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew (Strasburgu, 12 sal-15 ta' Ġunju 2017)

I. INTRODUZZJONI

F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 294 TFUE u d-dikjarazzjoni konġunta dwar arranġamenti prattiċi għall-proċedura ta' kodeċiżjoni¹, saru għadd ta' kuntatti informali bejn il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni bil-għan li jintlaħaq qbil dwar dan id-dossier fl-ewwel qari, biex b'hekk tiġi evitata l-ħtieġa għat-tieni qari u l-konċiljazzjoni.

¹ ĠU C 145, 30.6.2007, p.5

F'dan il-kuntest, ir-relatur, is-Sur Dario TAMBURRANO (EFD, IT), ippreżenta emenda ta' kompromess għall-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas għat-tikkettar tal-effiċjenza tal-enerġija u li jħassar id-Direttiva 2010/30/UE, fisem il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (l-emenda 100). Kien intlaħaq qbil dwar din l-emenda matul il-kuntatti informali msemmin hawn fuq.

II. VOT

Meta vvota fit-13 ta' Ġunju 2017, il-Parlament adotta l-emenda ta' kompromess (l-emenda 100) għall-proposta għal Regolament. Il-Parlament adotta wkoll 2 emendi għall-abbozz ta' riżoluzzjoni leġislattiva (l-emendi 101 u 102).

Il-proposta tal-Kummissjoni kif hekk emendata tikkostitwixxi l-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari li tinsab fir-riżoluzzjoni leġislattiva tiegħu kif indikat fl-Anness għal dan².

Il-pożizzjoni tal-Parlament tirrifletti dak li preċedentement kien intlaħaq qbil dwaru bejn l-istituzzjonijiet. Il-Kunsill għandu għalhekk ikun f'pożizzjoni li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament.

L-att imbagħad jiġi adottat fil-formulazzjoni li tikkorrisponi għall-pożizzjoni tal-Parlament.

² Il-verżjoni tal-pożizzjoni tal-Parlament fir-riżoluzzjoni leġislattiva ġiet immarkata biex tindika l-bidliet li saru bl-emendi għall-proposta tal-Kummissjoni. Iż-żidiet fit-test tal-Kummissjoni huma enfasizzati b'*tipa grassa u bil-korsiv*. Is-simbolu "■" jindika test imħassar.

P8_TA-PROV(2017)0251

It-tikkettar tal-effiċjenza tal-enerġija *I**

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Ġunju 2017 dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas għat-tikkettar tal-effiċjenza tal-enerġija u li jħassar id-Direttiva 2013/30/UE (COM(2015)0341 – C8-0189/2015 – 2015/0149(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2015)03451),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 194(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C8-0189/2015),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-20 ta' Jannar 2016³,
 - wara li kkonsulta mal-Kumitat tar-Regġuni,
 - wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli skont l-Artikolu 69f(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu u l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tal-5 ta' April 2017, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A8-0213/2016),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taht⁴;
 2. Japprova d-dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni mehmuża ma' din ir-riżoluzzjoni;
 3. Jieħu nota tad-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni mehmuża ma' din ir-riżoluzzjoni

³ ĠU C 82, 3.3.2016, p. 6.

⁴ Din il-pożizzjoni tissostitwixxi l-emendi adottati fis-6 ta' Lulju 2016 (Testi adottati P8_TA (2016)0304).

4. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-13 ta' Ġunju 2017 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2017/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas għat-tikkettar tal- enerġija u li jħassar id-Direttiva 2010/30/UE

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 194(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew⁵,

Wara li kkonsultaw lill-Komitat tar-Reġjuni¹,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja⁶,

⁵ ĠU C 82, 3.3.2016, p. 6.

⁶ ***Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Ġunju 2017.***

Billi:

- (1) L-Unjoni hi impenjata li tibni Unjoni tal-Enerġija b'politika progressiva dwar il-klima. L-effiċjenza enerġetika hi element kruċjali tal-Qafas Politiku tal-Unjoni dwar il-Klima u l-Enerġija tal-2030 u hi kruċjali għall-moderazzjoni tad-domanda tal-enerġija.
- (2) It-tikkettar tal-**■** enerġija **jippermetti** li l-klijenti jagħmlu għażliet infurmati **abbażi tal-konsum tal-enerġija mill-prodotti relatati mal-enerġija. L-għoti ta' informazzjoni dwar prodotti relatati mal-enerġija li jkunu effiċjenti u sostenibbli jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-iffrankar tal-enerġija u għat-tnaqqis tal-kontijiet tal-enerġija, filwaqt li fl-istess ħin jippromwovi l-innovazzjoni u l-investimenti fil-produzzjoni ta' prodotti aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija. It-titjib tal-effiċjenza tal-prodotti relatati mal-enerġija permezz ta' għażla infurmata min-naħa tal-klijenti u l-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti relatati fil-livell tal-Unjoni hu ta' benefiċċju wkoll għall-manifatturi, għall-industrija u għall-ekonomija tal-Unjoni inġenerali.**
- (3) **Il-Kummissjoni għamlet rieżami tal-effettività tad-Direttiva 2010/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷ u identifika l-ħtieġa li l-qafas għat-tikkettar tal-enerġija jiġi aġġornat biex titjeb l-effettività tiegħu.**

⁷ **Id-Direttiva 2010/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 dwar l-indikazzjoni permezz ta' ttikkettar u l-informazzjoni standard tal-prodott dwar il-konsum tal-enerġija u riżorsi oħra minn prodotti marbutin mal-enerġija (ĠU L 153, 18.6.2010, p. 1).**

- (4) Jixraq li d-Direttiva 2010/30/UE tiġi sostitwita b'Regolament li **essenzjalment** iżomm l-istess kamp ta' applikazzjoni, iżda li jimmodifika u jtejjeb uħud mid-dispożizzjonijiet tagħha sabiex jiċċara u jaġġorna l-kontenut tagħhom, **filwaqt li jqis il-progress teknoloġiku li sar f'dawn l-aħħar snin b'rabta mal-effiċjenza enerġetika tal-prodotti. Peress li l-konsum tal-enerġija mill-mezzi tat-trasport għal persuni jew merkanzija jiġi regolat direttament u indirettament minn liġi u politiki oħrajn tal-Unjoni, jixraq li dawn jibqgħu jiġu eżentati mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, inkluż il-mezzi tat-trasport b'mutur li jibqa' fl-istess post matul l-operazzjoni, bħalma huma liftijiet, skali mobbli u conveyor belts.**
- (5) **Jixraq li jiġi ċċarat li l-prodotti kollha li jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni għall-ewwel darba, inkluż il-prodotti importati użati, jenħtieġ li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Madankollu, jenħtieġ li prodotti li jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni għat-tieni darba jew għal darb'oħra ma jiġux inklużi.**
- (6) Regolament hu l-istrument legali adatt peress li jimponi regoli ċari u dettaljati li **jipprekludu** traspożizzjoni diverġenti mill-Istati Membri u **għalhekk** jiżgura **li** livell ogħla ta' armonizzazzjoni fl-Unjoni kollha. Qafas regolatorju armonizzat fil-livell tal-Unjoni pjuttost milli fil-livell tal-Istat Membru **jnaqqas** l-ispejjeż għall-manifatturi **li**, jiżgura kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni **u** jiżgura l-moviment liberu tal-merkanzija fis-suq **intern** kollu.

- (7) Il-moderazzjoni tad-domanda għall-enerġija hi rikonoxxuta bħala azzjoni kruċjali fl-Istrateġija Ewropea għas-Sigurtà tal-Enerġija stabbilita fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Mejju 2014. L-Istrateġija Qafas tal-Unjoni tal-Enerġija stabbilita fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' Frar 2015^I komplaiet tenfasizza l-prinċipju li l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel, kif ukoll il-ħtieġa li l-liġi eżistenti tal-Unjoni dwar l-enerġija tiġi implimentata b'mod sħiħ. **Il-Pjan Direzzjonali *għall-Istrateġija Qafas tal-Unjoni tal-Enerġija*** stabbilit f'dik il-Komunikazzjoni ppreveda rieżami tal-qafas tal-effiċjenza enerġetika għall-prodotti fl-2015. Dan ir-Regolament itejjeb il-qafas leġislattiv u ta' infurzar għat-tikkettar tal-enerġija.
- (8) It-titjib tal-effiċjenza tal-prodotti relatati mal-enerġija permezz ta' għażliet infurmati min-naħa tal-***kljent*** hu ta' benefiċċju għall-ekonomija tal-Unjoni, ***inaqqas id-domanda għall-enerġija u jiffranka l-flus tal-kljent fuq il-kontijiet tal-enerġija, jikkontribwixxi għall-innovazzjoni u l-investiment fl-effiċjenza enerġetika, u jippermetti li l-industriji li jiżviluppaw u jipproduċu l-prodotti l-aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija jiksbu vantaġġ kompetittiv. Dan jikkontribwixxi wkoll biex jintlaħqu l-miri tal-Unjoni tal-effiċjenza enerġetika għall-2020 u l-2030, kif ukoll il-miri tal-Unjoni għall-ambjent u t-tibdil fil-klima.*** Barra minn hekk, għandu ***l-għan li jkollu impatt pożittiv fuq il-prestazzjoni ambjentali tal-prodotti relatati mal-enerġija u l-partijiet tagħhom, inkluż l-użu ta' riżorsi għajr l-enerġija.***
- (9) ***Dan ir-Regolament jikkontribwixxi għall-iżvilupp, ir-rikonoxximent mill-kljenti u t-tixrid fis-suq ta' prodotti tal-enerġija intelliġenti, li jistgħu jiġu attivati biex jinteraġixxu ma' apparati u sistemi oħra, inkluż in-netwerk tal-enerġija nnifsu, sabiex titjieb l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija jew l-użu tal-enerġiji rinnovabbli, jitnaqqas il-konsum tal-enerġija u tiġi promossa l-innovazzjoni fl-industrija tal-Unjoni.***

I

- (10) L-għoti ta' informazzjoni preċiża, rilevanti u komparabbli dwar il-konsum speċifiku tal-enerġija tal-prodotti relatati mal-enerġija jiffaċilita l-għażla min-naħa tal-klijent favur prodotti li jikkunsmaw inqas enerġija u riżorsi essenzjali oħrajn waqt l-użu. Tikketta obbligatorja standardizzata ***tal-prodotti relatati mal-enerġija*** hi mezz effettiv li permezz tiegħu l-klijenti potenzjali jingħataw informazzjoni komparabbli dwar l-***effiċjenza*** enerġetika tal-prodotti. Jenħtieġ li t-***tikketta*** tkun issupplimentata bi skeda informattiva dwar il-prodott. Jenħtieġ li t-tikketta tingħaraf faċilment u tkun sempliċi u konċiża. Għal dak il-għan, jenħtieġ li l-iskala eżistenti ta' kuluri tat-tikketta li jvarjaw bejn aħdar skur u aħmar tinżamm bħala l-bażi biex il-konsumaturi jiġu infurmati dwar l-effiċjenza enerġetika tal-prodotti. ***Biex it-tikketta tkun verament utli għall-klijenti li jridu jiffrankaw l-enerġija u l-ispejjeż, jenħtieġ li l-istadji tal-iskala tat-tikketta jikkorrispondu għal iffrankar sinifikanti tal-enerġija u l-ispejjeż għall-klijenti. Għall-biċċa l-kbira tal-gruppi ta' prodotti, fejn xieraq, jenħtieġ li minbarra l-iskala tat-tikketta, it-tikketta tindika wkoll il-konsum assolut tal-enerġija, biex il-klijenti jkun jistgħu jibassru l-impatt dirett tal-għażliet tagħhom fuq il-kontijiet tagħhom tal-enerġija. Madankollu, mhuwiex possibbli li tingħata l-istess informazzjoni fir-rigward ta' prodotti relatati mal-enerġija li ma jikkunsmawx enerġija huma stess.***

- (11) Il-klassifikazzjoni li tuża l-ittri mill-A sal-G uriet li kienet **kosteffettiva għall-klijenti. L-intenzjoni hija li l-applikazzjoni uniformi tagħha għal gruppi ta' prodotti differenti żżid it-trasparenza u l-fehim fost** il-klijenti. F'sitwazzjonijiet fejn, minħabba l-miżuri tal-ekodisinn **skont** id-Direttiva 2009/125/KE **tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**⁸, il-prodotti ma jistgħux jibqgħu jaqgħu taħt il-klassi 'E', 'F' jew 'G', jenħtiegħ li daww il-klassijiet **madanakollu** jidhru fuq it-tikketta **b'tipa griża. F'każijiet eċċezzjonali u ġustifikati kif xieraq, bħal meta ma jkunx hemm biżżejjed iffrankar fl-ispettru sħiħ tas-seba' klassijiet, jenħtiegħ li t-tikketta jista' jkollha anqas klassijiet minn skala A-G regolari. F'dawk il-każijiet, l-iskala ta' kuluri minn aħmar skur għal aħmar tat-tikketta jenħtiegħ li tinżamm għall-kumplement tal-klassijiet u jenħtiegħ li tapplika biss għal prodotti ġodda li jitqiegħdu fis-suq jew li jitqiegħdu fis-servizz.**

⁸ **Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti relatati mal-enerġija (ĠU L 285, 31.10.2009, p. 10).**

- (12) *Meta fornitur jquieghed prodott fis-suq, jenħtieġ li kull unità tal-prodott ikun akkumpanjat b'tikketta f'forma stampata li tikkonforma mar-rekwiżiti tal-atti delegati rilevanti. Jenħtieġ li l-att delegat rilevanti jistabilixxi l-aktar mod effettiv li bih jintwerew it-tikketti, filwaqt li jiġu kkunsidrati l-implikazzjonijiet għall-klijenti, il-fornituri u n-negozjanti, u jistgħu jipprovdu li t-tikketta tiġi stampata fuq l-imballaġġ tal-prodott. Jenħtieġ li n-negozjant juri t-tikketta pprovduta flimkien mal-unità tal-prodott fil-pożizzjoni mitluba mill-att delegat rilevanti. Jenħtieġ li t-tikketta esposta tkun viżibbli identifikabbli b'mod ċar bħala t-tikketta li tappartjeni għall-prodott inkwistjoni, mingħajr il-bżonn li l-konsumatur jaqra l-isem tad-ditta u n-numru tal-mudell fuq it-tikketta, u jenħtieġ li tattira l-attenzjoni tal-klijent li jkun qed jara l-prodott espost.*
- (13) *Mingħajr ma jiġi affettwat l-obbligu tal-fornitur li jipprovdi tikketta stampata flimkien ma' kull unità ta' prodott, l-avvanzi fit-teknoloġija diġitali jistgħu jippermettu l-użu ta' tikketti elettroniċi flimkien mat-tikketta tal-enerġija stampata. Jenħtieġ ukoll li n-negozjant ikun jista' jniżżel l-iskeda informattiva dwar il-prodott mill-bażi ta' data tal-prodott.*
- (14) *Fejn ma jkunx fattibbli li t-tikketta tal-enerġija tiġi esposta, bħal f'ċerti forom ta' bejgħ mill-bogħod, u freklamar viżiv u materjal promozzjonali tekniku, jenħtieġ li l-klijenti potenzjali tal-inqas jingħataw il-klassi tal-effiċjenza enerġetika tal-prodott u l-firxa tal-klassijiet tal-effiċjenza disponibbli fuq it-tikketta.*

- (15) Il-manifatturi jirreaġixxu għat-tikketta tal-enerġija billi *jżviluppaw u jqiegħdu fis-suq* prodotti dejjem aktar effiċjenti. *Bl-istess mod, hemm tendenza li ma jibqgħux jipproduċu prodotti li huma inqas effiċjenti, u dan jiġi mħeġġeġ mil-liġi tal-Unjoni dwar l-ekodisinn.* Dan l-iżvilupp teknoloġiku jwassal biex *il-maġġoranza ta' mudelli ta' prodotti* jipprova fl-ogħla klassijiet tat-tikketta tal-enerġija. Jista' jkun hemm bżonn li jinsiltu iktar differenzi bejn il-prodotti biex il-klijenti *jkunu jistgħu jqabblu l-prodotti kif suppost*, u dan iwassal għall-ħtieġa ta' riklassifikazzjoni tat-tikketti. Jenħtieġ għalhekk li dan ir-Regolament jistipula arranġamenti dettaljati għar-riklassifikazzjoni biex ikun hemm kemm jista' jkun ċertezza legali għall-fornituri u n-negozjanti.
- (16) *Għal diversi tikketti stabbiliti b'atti delegati adottati skont id-Direttiva 2010/30/UE, il-prodotti huma disponibbli biss, jew kważi biss, fl-ogħla klassijiet. Dan inaqqas l-effettività tat-tikketti. Skont il-grupp ta' prodotti, il-klassijiet fuq it-tikketti eżistenti għandhom skali differenti, fejn l-ogħla klassi tista' tvarja bejn klassijiet A u A+++.* B'riżultat ta' dan, meta l-klijenti jqabblu t-tikketti ta' gruppi ta' prodotti differenti, dawn jistgħu jaslu għall-konklużjoni li jeżistu klassijiet ta' effiċjenza enerġetika aħjar għal tabella partikolari minn daww esposti. Biex tiġi evitata tali konfużjoni potenzjali, jixraq li, bħala l-ewwel pass, titwettaq riklassifikazzjoni inizjali tat-tikketti eżistenti, sabiex tiġi żgurata skala omoġenja minn A sa G għal tliet kategoriji ta' prodotti skont dan ir-Regolament.

- (17) *It-tikkettar tal-enerġija ta' prodotti għat-tisħin tal-ispazju u tal-ilma ġie introdott biss reċentement u l-progress teknoloġiku f'dawk il-gruppi ta' prodotti qed isir relattivament bil-mod. L-iskema attwali tat-tikkettar tagħmel distinzjoni ċara bejn it-teknoloġiji li jużaw il-karburanti fossili konvenzjonali li l-iktar li jistgħu jkunu fil-klassi A, u teknoloġiji li jużaw enerġija rinnovabbli li huma ta' spiss sinifikattivament aktar għoljin fil-prezz, li għalihom huma riżervati l-klassijiet A+, A++ u A+++. Diġà jista' jinkiseb iffrankar sostanzjali tal-enerġija permezz tat-teknoloġiji li jużaw karburanti fossili li huma l-aktar effiċjenti, u jkun jixraq li dawn jibqgħu jiġu promossi bħala tal-klassi A. Minħabba li s-suq għat-tisħin tal-ispazju u tal-ilma x'aktarx li ser jimxi b'pass kajman lejn aktar teknoloġiji rinnovabbli, huwa xieraq li t-tikketti tal-enerġija għal dawk il-prodotti jiġu riklassifikati aktar tard.*
- (18) *Wara r-riklassifikazzjoni inizjali, jenħtieġ li l-frekwenza ta' riklassifikazzjonijiet ulterjuri tiġi ddeterminata b'referenza għall-perċentwali tal-prodotti mibjugħin li jkunu fl-ogħla klassijiet. Jenħtieġ li riklassifikazzjonijiet ulterjuri jqisu l-ħeffa tal-progress teknoloġiku u l-ħtieġa li jiġi evitat piż żejjed fuq il-fornituri u n-negozjanti, u, b'mod partikolari, in-negozji żgħar. Għalhekk, ikun xieraq perijodu ta' madwar 10 snin għall-frekwenza ta' tali riklassifikazzjoni. Jenħtieġ li tikketta li tkun għadha kif ġiet riklassifikata tħalli l-ogħla **klassi** vojta biex tħeġġeġ il-progress teknoloġiku, **tipprevedi stabbiltà regolatorja**, **tillimita l-frekwenza tar-riklassifikazzjoni** u tippermetti li jiġu żviluppati u rikonoxxuti prodotti dejjem aktar effiċjenti. **F'każijiet eċċezzjonali, fejn it-teknoloġija tkun mistennija tiżviluppa aktar malajr, jenħtieġ li l-ebda prodott ma jaqa' taħt l-ogħla żewġ klassijiet fil-mument tal-introduzzjoni tat-tikketta li tkun għadha kif ġiet riklassifikata.***

- (19) *Qabel ir-riklassifikazzjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni twettaq studju preparatorju xieraq.*
- (20) *Meta tikketta għal grupp ta' prodotti tiġi riklassifikata, jenħtieġ li tiġi evitata l-konfużjoni min-naħa tal-klijenti billi t-tikketti ■ fuq il-prodotti milquta esposti fil-ħwienet jiġu sostitwiti fuq perijodu ta' żmien qasir, u permezz tal-organizzazzjoni ta' kampanji adegwati ta' informazzjoni għall-konsumaturi li jindikaw b'mod ċar li ġiet introdotta verżjoni ġdida tat-tikketta.*
- (21) F'każ ta' tikketta riklassifikata, jenħtieġ li l-fornituri jipprovdu lin-negozjanti kemm it-tikketta attwali kif ukoll dik riklassifikata għal ċertu perijodu. Jenħtieġ li s-sostituzzjoni tat-tikketti eżistenti fuq il-prodotti esposti, inkluż fuq l-internet, bit-tikketti riklassifikati jsir kemm jista' jkun malajr wara d-data tas-sostituzzjoni speċifikata fl-att delegat dwar it-tikketta riklassifikata. Jenħtieġ li n-negozjanti ma jesponux it-tikketti riklassifikati qabel id-data tas-sostituzzjoni.
- (22) Jeħtieġ li tkun prevista distribuzzjoni ċara u proporzjonata tal-obbligi li jikkorrispondu għar-rwol ta' kull operatur fil-proċess tal-provvista u d-distribuzzjoni. Jenħtieġ li l-operaturi ekonomiċi jkunu responsabbli għall-konformità b'rabta mar-rwoli rispettivi tagħhom fil-katina tal-provvista u jenħtieġ li ■ jiżguraw li fis-suq iqiegħdu biss prodotti li jikkonformaw ma' dan ir-Regolament u l-atti delegati adottati f'konformità miegħu.

- (23) Biex il-konsumaturi jibqgħu jafdaw it-tikketta tal-enerġija, jenhtiegħ li ma jitħallewx jintużaw tikketti oħrajn li jixbhu t-tikketta tal-enerġija għal prodotti relatati mal-enerġija u prodotti li mhumiex relatati mal-enerġija. ***Meta l-prodotti relatati mal-enerġija ma jkunux koperti minn atti delegati, jenhtiegħ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jżommu jew jintroduċu skemi nazzjonali ġodda għat-tikkettar ta' tali prodotti.*** Jenhtiegħ li tikketti, marki, simboli jew skrizzjonijiet oħra li x'aktarx iqarrqu jew iħawdu lill-klijenti fir-rigward tal-konsum tal-enerġija ***għall-prodott ikkonċernat, ma jkunux permessi għall-istess raġuni. It-tikketti previsti f'konformità mal-liġi tal-Unjoni, bħat-tikkettar tat-tajers fir-rigward tal-effiċjenza fl-użu tal-fjuwil u parametri ambjentali oħrajn, u tikketti addizzjonali bħall-Energy Star tal-UE u l-Ekotikketta tal-UE ma għandhomx jitqiesu bħala qarrieqa jew li jgħolqu konfużjoni.***
- (24) ***Qed jiġri dejjem aktar spiss li l-klijenti jiġu offerti aġġornamenti ta' software jew firmware tal-prodotti tagħhom wara li l-prodotti jkunu tqiegħdu fis-suq u bdew jintużaw. Filwaqt li dawn l-aġġornamenti normalment huma maħsuba biex itejbu l-prestazzjoni tal-prodott, jistgħu wkoll ikollhom impatt fuq l-effiċjenza enerġetika u parametri oħra tal-prodott indikati fuq it-tikketta tal-enerġija. Jekk daww il-bidliet ikunu għad-detriment ta' dak li huwa indikat fuq it-tikketta, jenhtiegħ li l-klijenti jiġu infurmati dwar daww il-bidliet u jenhtiegħ li jingħataw l-opzjoni li jaċċettaw jew li jirrifjutaw l-aġġornament.***

- (25) Biex tkun żgurata ċ-ċertezza legali, hemm bżonn li jkun iċċarat li r-regoli dwar is-sorveljanza u l-kontroll tas-suq tal-Unjoni tal-prodotti li jidħlu fis-suq tal-Unjoni previsti fir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁹ japplikaw għall-prodotti relatati mal-enerġija. Minħabba l-prinċipju tal-moviment liberu tal-merkanzija, huwa essenzjali li l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri jikkooperaw flimkien b'mod effettiv. Jenħtieġ li din il-kooperazzjoni b'rabta mat-tikkettar tal-enerġija tissaħħaħ permezz ta' appoġġ mill-Kummissjoni ***tal-Gruppi dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva (AdCos) dwar l-Ekodisinn u t-Tikkettar tal-Enerġija***.
- (26) ***Il-proposta tal-Kummissjoni għal regolament ġdid dwar is-sorveljanza tas-suq tal-prodotti tintegra d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 765/2008, id-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁰ u diversi atti speċifiċi għas-settur tal-atti leġislattivi tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni. Dik il-proposta tinkludi dispożizzjonijiet dwar il-klawsoli ta' salvagwardja inklużi fid-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill,¹¹ li japplikaw għall-atti leġislattivi kollha tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni. Dment li r-regolament il-ġdid ikun għadu qed jiġi kkunsidrat mill-koleġislaturi, jixraq li ssir referenza għar-Regolament (KE) Nru 765/2008 u li f'dan ir-Regolament jiġu inklużi klawsoli ta' salvagwardja.***

⁹ ***Ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 339/93 (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30).***

¹⁰ ***Direttiva Nru 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Diċembru 2001 dwar is-sigurtà ġenerali tal-prodotti (ĠU L 11, 15.1.2002, p. 4).***

¹¹ ***Id-Deċiżjoni 768/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar qafas komuni għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti u li tħassar id-Deċiżjoni 93/465/KEE (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 82).***

- (27) *L-attivitajiet tas-sorveljanza tas-suq koperti bir-Regolament (KE) Nru 765/2008 mhumex diretti esklużivament lejn il-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà, iżda huma applikabbli wkoll għall-infurzar tal-liġi tal-Unjoni li għandha l-għan li tissalvagwardja interessi pubbliċi oħrajn, inkluż l-effiċjenza enerġetika. F'konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni intitolata "20 azzjoni għal prodotti aktar siguri u konformi għall-Ewropa: pjan ta' azzjoni pluriennali għas-sorveljanza tal-prodotti fl-UE" tat-13 ta' Frar 2013, il-metodoloġija ġenerali tal-Unjoni għall-valutazzjoni tar-riskji ġiet aġġornata biex tkopri r-riskji kollha, inkluż dawk relatati mat-tikkettar tal-enerġija.*
- (28) *Attività tas-sorveljanza tas-suq koerenti u kosteffettiva madwar l-Unjoni kollha titlob ukoll arkivjar komprensiv u strutturat sew u kondiviżjoni fost l-Istati Membri tal-informazzjoni kollha pertinenti dwar l-attivitajiet nazzjonali f'dan il-kuntest, inkluż referenza għan-notifiki rikjesti minn dan ir-Regolament. Il-bażi tad-data tas-Sistema ta' Informazzjoni u Komunikazzjoni dwar is-Sorveljanza tas-Suq (ICSMS) stabbilita mill-Kummissjoni hija adattata sew għall-iskop ta' ħolqien ta' bażi tad-data kompluta b'informazzjoni dwar is-sorveljanza tas-suq, u jenħtieġ għalhekk li l-użu tagħha jiġi hekk għalhekk bis-sħiħ.*

- (29) *Sabiex tiġi stabbilita għodda utli għall-konsumaturi, biex ikunu permessi modi alternattivi kif in-negozjanti jirċievu l-iskedi informattivi dwar il-prodotti, biex ikun iffaċilitat il-monitoraġġ tal-konformità u biex tingħata data tas-suq aġġornata għall-proċess regolatorju tar-reviżjonijiet tat-tikketti u l-iskedi informattivi speċifiċi għall-prodott, jenħtieġ li l-Kummissjoni tistabbilixxi u żżomm bażi tad-data tal-prodotti magħmula minn parti pubblika u parti li tirrigwarda l-konformità, li jenħtieġ li tkun aċċessibbli permezz ta' portal online.*
- (30) *Mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri marbutin mas-sorveljanza tas-suq u għall-obbligi tal-fornitur li jivverifika l-konformità tal-prodott, jenħtieġ li l-fornituri jagħmlu l-informazzjoni rikjesta dwar il-konformità tal-prodott disponibbli elettronikament fil-bażi tad-data tal-prodotti. Jenħtieġ li l-informazzjoni rilevanti għall-konsumaturi u n-negozjanti ssir disponibbli għall-pubbliku fil-parti pubblika tal-bażi tad-data tal-prodotti. Jenħtieġ li dik l-informazzjoni ssir disponibbli bħala data miftuħa sabiex min jiżviluppa l-applikazzjoni mobbli u għodod oħra ta' tqabbil jingħataw l-opportunità li jużawha. Jenħtieġ li jiġi ffaċilitat aċċess dirett u faċli għall-parti pubblika tal-bażi tad-data tal-prodotti permezz ta' għodod orjentati lejn l-utent, bħal kodiċi dinamiku ta' rispons rapidu (kodiċi QR), inkluż fuq it-tikketta stampata.*

- (31) *Jenħtieġ li l-parti tal-bażi tad-data tal-prodott li tirrigwarda l-konformità tkun soġġetta għal regoli stretti dwar il-protezzjoni tad-data. Jenħtieġ li l-partijiet speċifiċi meħtieġa tad-dokumentazzjoni teknika fil-parti li tirrigwarda l-konformità tkun disponibbli kemm għall-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq kif ukoll għall-Kummissjoni. Fejn xi informazzjoni teknika tkun tant sensittiva li ma jkunx xieraq li tiġi inkluża fil-kategorija ta' dokumentazzjoni teknika kif dettaljat fl-atti delegati adottati skont dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq iżommu s-setgħa li jkollhom aċċess għal dik l-informazzjoni meta jkun meħtieġ f'konformità mad-dmir ta' kooperazzjoni tal-fornituri jew permezz ta' partijiet addizzjonali tad-dokumentazzjoni teknika li l-fornituri jtellgħu fil-bażi tad-data tal-prodott fuq bażi volontarja.*
- (32) *Sabiex il-bażi tad-data tal-prodotti tkun tista' tintuża malajr kemm jista' jkun, jenħtieġ li r-reġistrazzjoni tkun obligatorja għall-mudelli kollha li l-unitajiet tagħhom jitqiegħdu fis-suq mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Għall-mudelli li l-unitajiet tagħhom jitqiegħdu fis-suq qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u, li ma għadhomx ikkummerċjalizzati, ir-reġistrazzjoni m'għandhiex tkun obligatorja. Jenħtieġ li jiġi pprovdut perijodu transitorju għall-iżvilupp tal-bażi tad-data u biex jippermetti lill-fornituri jikkonformaw mal-obbligi tagħhom marbutin mar-reġistrazzjoni. Meta ssir kwalunkwe bidla b'rilevanza għat-tikketta u l-iskeda informattiva dwar il-prodott b'rabta ma' prodott diġà fis-suq, jenħtieġ li l-prodott jitqies bħala mudell ġdid u jenħtieġ li l-fornitur jiġi obligat jirreġistrah fil-bażi tad-data tal-prodotti. Jenħtieġ li l-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u l-fornituri, tagħti attenzjoni speċjali lill-proċess transitorju sakemm issir l-implimentazzjoni sħiħa tal-parti pubblika u tal-parti li tirrigwarda l-konformità tal-bażi tad-data tal-prodotti.*

- (33) Jenħtieġ li l-pieni applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u l-atti delegati adottati skont dan ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.
- (34) Biex jippromwovu l-effiċjenza enerġetika, il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-protezzjoni tal-ambjent, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu joħolqu inċentivi għall-użu ta' prodotti effiċjenti fl-użu tal-enerġija. L-Istati Membri huma liberi li jiddeċiedu dwar in-natura ta' dawn l-inċentivi. Jenħtieġ li dawn l-inċentivi jikkonformaw mar-regoli tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat u jenħtieġ li ma joħolqux ostakli mhux ġustifikati għas-suq. Dan ir-Regolament ma jippreġudikax l-eżitu ta' kwalunkwe proċedura futura marbuta mal-għajnuna mill-Istat li tista' ssir f'konformità mal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (*TFUE*) fir-rigward ta' dawn l-inċentivi.

- (35) Jenħtieġ li l-konsum tal-enerġija, **il-prestazzjoni** u informazzjoni oħra li tikkonċerna l-prodotti koperti bir-rekwiżiti speċifiċi għall-prodott skont dan ir-Regolament jitkejlu b'metodi affidabbli, preċiżi u riproduċibbli li jqisu miżuri u metodi ta' kalkolu l-aktar moderni u rikonoxxuti b'mod ġenerali. Fl-interess tal-funzjonament xieraq tas-suq intern, jenħtieġ li l-istandards ikunu armonizzati fil-livell ta' Unjoni. **Jenħtieġ li dawn il-metodi u l-istandards, safejn ikun possibbli, iqisu l-użu reali ta' prodott partikolari, jirriflettu l-imġiba tal-konsumatur medju u jkunu robusti sabiex jiskoraġġixxu l-evitar tagħhom sew jekk intenzjonali kif ukoll mhux intenzjonali. Jenħtieġ li t-tikketti tal-enerġija jirriflettu l-prestazzjoni komparattiva tal-użu attwali tal-prodotti, fi ħdan ir-restrizzjonijiet minħabba l-ħtieġa ta' testijiet tal-laboratorju affidabbli u riproduċibbli. Il-fornituri, għalhekk, jenħtieġ li ma jitħallewx jinkludu software jew hardware li jbidel awtomatikament il-prestazzjoni tal-prodott f'kundizzjonijiet ta' ttestjar.** Fin-nuqqas ta' standards ippubblikati fil-mument meta jiġu applikati r-rekwiżiti speċifiċi għall-prodott, jenħtieġ li l-Kummissjoni tippubblika l-metodi transizzjonali tal-kejl u tal-kalkolu fir-rigward ta' dawk ir-rekwiżiti speċifiċi għall-prodott f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Ladarba tkun ġiet ippubblikata referenza għal tali standard f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, jenħtieġ li l-konformità magħha tipprovdi preżunzjoni tal-konformità mal-metodi tal-kejl għal dawk ir-rekwiżiti speċifiċi għall-prodott adottati abbażi ta' dan ir-Regolament.

- (36) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tipprovdi pjan ta' ħidma *fit-tul* għar-reviżjoni tat-tikketti *għal* prodotti partikolari *relatati mal-enerġija*, inkluż lista indikattiva ta' prodotti oħrajn relatati mal-enerġija li għalihom tista' tiġi stabbilita tikketta tal-enerġija. Jenħtieġ li l-pjan ta' ħidma jiġi implimentat billi jibda b'analiżi teknika, ambjentali u ekonomika tal-gruppi ta' prodotti kkonċernati. Jenħtieġ li dik l-analiżi tħares ukoll lejn informazzjoni supplimentari, inkluż il-possibbiltà u l-ispiża li l-konsumaturi *jingħataw* informazzjoni dwar il-prestazzjoni ta' prodott relatat mal-enerġija,  bħall-konsum tal-enerġija tiegħu, id-durabbiltà jew il-prestazzjoni ambjentali, f'koerenza mal-oġettiv li tiġi promossa ekonomija ċirkulari. Jenħtieġ li tali informazzjoni supplimentari ttejjeb l-intelliġibbiltà u l-effettività tat-tikketta għall-konsumaturi, u ma għandhiex twassal għal xi impatt negattiv fuq il-konsumaturi.
- (37) *Jenħtieġ li l-fornituri ta' prodotti kkummerċjalizzati f'konformità mad-Direttiva 2010/30/UE qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament jibqgħu soġġetti għall-obbligu li jagħmlu disponibbli verżjoni elettronika tad-dokumentazzjoni teknika tal-prodotti kkonċernati fuq talba tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq. Jenħtieġ li jkun hemm dispożizzjonijiet transitorji xierqa li jiżguraw iċ-ċertezza legali u l-kontinwità f'dan ir-rigward.*
- (38) *Barra minn hekk, sabiex tiġi żgurata tranżizzjoni bla xkiel għal dan ir-Regolament, ir-rekwiżiti eżistenti stabbiliti f'atti delegati adottati skont l-Artikolu 10 tad-direttiva 2010/30/EU u d-direttiva tal-Kummissjoni 96/60/KE¹² għandhom ikomplu japplikaw għall-gruppi ta' prodotti rilevanti sakemm dawn jitħassru jew jiġu sostitwiti b'atti delegati adottati skont dan ir-Regolament. L-applikazzjoni ta' daww ir-rekwiżiti eżistenti hija mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-obbligi taħt dan ir-Regolament.*

¹² *Id-Direttiva tal-Kummissjoni 96/60/KE tad-19 ta' Settembru 1996 li timplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 92/75/KEE rigward it-tikketti li jindikaw il-konsum tal-enerġija ta' magni tad-dar għall-ħasil u għat-tnixxif tal-ħwejjeġ f'daqqa (ĠU L 266, 18.10.1996, p. 1).*

- (39) Sabiex jiġu stabbiliti **gruppi ta' prodotti speċifiċi ta' prodotti relatati mal-enerġija f'konformità ma' sett ta' kriterji speċifiċi u sabiex jiġu stabbiliti** tikketti u skedi informattivi speċifiċi għall-prodotti, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 *TFUE*. Hu ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet adatti matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, **u li daww il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet¹³. B'mod partikolari, biex tkun żgurata parteċipazzjoni ndaqs fit-tħejjija tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess waqt bħall-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom sistematikament ikollhom aċċess għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.**
- (40) **Sabiex jiġu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tiddetermina, skont il-proċedura ta' salvagwardja tal-Unjoni, jekk il-miżura nazzjonali tkunx ġustifikata jew le u biex tistabbilixxi rekwiżiti dettaljati dwar id-dettalji operazzjonali relatati mal-bażi tad-data tal-prodotti. Jenħtieġ li dawn is-setgħat jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁴.**

¹³ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

¹⁴ **Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).**

- (41) *Minħabba li l-għanijiet ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li l-klijenti jkunu jistgħu jagħżlu prodotti aktar effiċjenti billi tingħata informazzjoni rilevanti, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jistgħu, permezz ta' aktar żvilupp tal-qafas regolatorju armonizzat u l-iżgurar ta' kondizzjonijiet ekwi għall-manifatturi, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-għanijiet.*
- (42) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri relatati mal-iskadenzi għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali u l-applikazzjoni tad-Direttiva 2010/30/UE.
- (43) Jenħtieġ għalhekk li d-Direttiva 2010/30/UE titħassar,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi qafas ***li japplika għall-prodotti relatati mal-enerġija ("prodotti") li jitqiegħdu fis-suq jew jitqiegħdu fis-servizz. Dan jipprevedi t-tikkettar ta' dawk il-prodotti u l-provvediment tal-effiċjenza enerġetika tal-prodott***, il-konsum tal-enerġija u ***ta'*** riżorsi oħrajn minn **■** prodotti waqt l-użu u informazzjoni supplimentari dwar **■** il-prodotti, ***biex b'hekk*** il-klijenti jkunu jistgħu jagħżlu prodotti aktar effiċjenti ***sabiex inaqqsu l-konsum tagħhom tal-enerġija.***
2. Dan ir-Regolament ***ma japplikax*** għal:
 - (a) ***prodotti użati, sakemm ma jkunux ġew importati minn pajjiż terz;***
 - (b) ***mezzi*** tat-trasport għal persuni jew merkanzija **■** .

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) *"prodott relatat mal-enerġija" jew "prodott"* tfisser kwalunkwe oġġett jew sistema **■** b'impatt fuq il-konsum tal-enerġija waqt l-użu, li jitqiegħed fis-suq **jew** jitqiegħed fis-servizz, li jinkludi parts b'impatt fuq il-konsum tal-enerġija waqt l-użu li jitqiegħdu fis-suq **jew** jitqiegħdu fis-servizz *għall-klijenti u li huma maħsuba li jiġu inkorporati fi prodotti;*
- (2) *"grupp ta' prodotti" tfisser grupp ta' prodotti li jkollhom l-istess funzjonalità ewlenija;*
- (3) *"sistema" tfisser taħlita ta' diversi oġġetti li meta jitqiegħdu flimkien iwettqu funzjoni speċifika f'ambjent mistenni u li l-effiċjenza enerġetika tagħhom tista' mbagħad tiġi ddeterminata bħala entità unika;*
- (4) "mudell" tfisser verżjoni ta' prodott li l-unitajiet tiegħu kollha jkollhom l-istess karatteristiċi tekniċi rilevanti għat-tikketta u l-istess skeda informattiva dwar il-prodott, u li jkollhom ukoll l-istess identifikatur tal-mudell;
- (5) "identifikatur tal-mudell" tfisser il-kodiċi, ġeneralment alfanumeriku, li jiddistingwi mudell speċifiku ta' prodott minn mudelli oħrajn bl-istess trademark jew l-istess isem tal-fornitur;

- (6) "mudell ekwivalenti" tfisser mudell *li jkollu l-istess karatteristiċi tekniċi rilevanti għat-tikketta u l-istess skeda informattiva dwar il-prodott, iżda li* jitqiegħed fis-suq jew jitqiegħed fis-servizz mill-istess fornitur ■ bħala mudell ieħor ■ b'identifikatur differenti tal-mudell;
- (7) "kummerċjalizzazzjoni" tfisser il-provvista ta' prodott għad-distribuzzjoni jew għall-użu fis-suq tal-Unjoni matul attività kummerċjali, sew jekk bi flus kif ukoll jekk mingħajr ħlas;
- (8) "tqegħid fis-suq" tfisser l-ewwel darba li l-prodott jitqiegħed fis-suq tal-Unjoni;
- (9) "tqegħid fis-servizz" tfisser l-ewwel użu ta' prodott fis-suq tal-Unjoni, għall-fini maħsub għalih;
- (10) "manifattur" tfisser persuna fiżika jew ġuridika li timmanifattura prodott jew li għandha prodott iddisinjat jew manifatturat, u tirreklama dak ■ il-prodott taħt l-isem jew il-marka kummerċjali tagħha;
- (11) "rappreżentat awtorizzat" tfisser persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fl-Unjoni li tkun irċeviet mandat bil-miktub mill-manifattur biex taġixxi f'isimha fir-rigward ta' kompiti speċifiċi;

- (12) "importatur" tfisser persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fl-Unjoni li tqiegħed prodott minn pajjiż terz fis-suq tal-Unjoni;
- (13) "negozjant" tfisser bejjiegħ bl-imnut jew ***persuna fiżika jew ġuridika*** oħra li tbiegħ, tikri, toffri għal bejgħ bin-nifs, jew tqiegħed għall-wiri prodotti għal klijenti ***jew installaturi matul attività kummerċjali, sew jekk bi ħlas u sew jekk le***;
- (14) "fornitur" tfisser manifattur stabbilit fl-Unjoni, ir-rappreżentant awtorizzat ta' manifattur li mhuwiex stabbilit fl-Unjoni, jew importatur, li jqiegħed prodott **■** fis-***suq*** tal-Unjoni;
- (15) "bejgħ mill-bogħod" tfisser il-bejgħ, kiri, jew bejgħ bin-nifs bil-posta, minn katalogu, bl-internet, bit-telebejgħ jew bi kwalunkwe metodu ieħor li permezz tiegħu ma jkunx mistenni li l-***klijent*** potenzjali jkun jista' jara l-prodott espost;
- (16) "klijent" tfisser persuna fiżika jew ġuridika li tixtri, tikri ***jew tirċievi*** prodott għall-użu personali ***tagħha*** kemm jekk tkun qed taġixxi b'finijiet marbutin mas-sengħa, in-negozju, l-artiġjanat jew il-professjoni tagħha kif ukoll jekk le;
- (17) ***'effiċjenza enerġetika' tfisser il-proporzjon ta' output tal-prestazzjoni, servizz, prodotti jew enerġija, mal-input ta' enerġija;***

- (18) "standard armonizzat" tfisser standard kif definit fil-punt (c) tal-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁵;
- (19) "tikketta" tfisser dijagramma grafika, *f'forma stampata jew elettronika*, li tinkludi *skala magħluqa* li tuża *biss* l-ittri minn A sa G, *fejn kull ittra tirrappreżenta klassi u kull klassi tikkorrispondi għall-iffrankar tal-enerġija*, f'seba' kuluri differenti li jvarjaw bejn aħdar skur u aħmar, sabiex *il-klijenti jiġu infurmati dwar l-effiċjenza enerġetika u l-konsum tal-enerġija; din tinkludi t-tikketti riklassifikati u tikketti b'inqas klassijiet u kuluri f'konformità mal-Artikolu 11(10) u (11)*;
- (20) "riklassifikazzjoni" tfisser eżerċizzju biex isiru aktar stretti r-rekwiżiti għall-kisba tal-klassi tal-effiċjenza enerġetika fuq tikketta għal *grupp* ta' prodotti partikolari;
- (21) "tikketta riklassifikata" tfisser tikketta għal *grupp ta'* prodotti partikolari li tkun għet soġġetta għal riklassifikazzjoni, *u li tkun tingħaraf minn tikketti li jkunu għadhom ma ġewx riklassifikati, filwaqt li tiġi ppreservata l-koerenza viżiva u perċettibbli tat-tikketti kollha*;

¹⁵ Ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 316, 14.11.2012, p.12).

- (22) "Skeda informattiva dwar il-prodott" tfisser tabella standard b'informazzjoni relatata ma' prodott, *f'forma stampata jew elettronika*;
- (23) *"dokumentazzjoni teknika" tfisser dokumentazzjoni suffiċjenti biex l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq ikunu jistgħu jivvalutaw il-preċiżjoni tat-tikketta u tal-iskeda informattiva dwar il-prodott b'rabta ma' prodott, inkluż ir-rapporti tat-testijiet jew evidenza teknika simili*;
- (24) "informazzjoni supplimentari" tfisser informazzjoni, kif *speċifikata f'att delegat*, dwar il-prestazzjoni funzjonali u ambjentali ta' *prodott*;
- (25) *"bażi tad-data tal-prodotti" tfisser ġabra ta' data li tikkonċerna prodotti, li tkun irranġata b'mod sistematiku u li tikkonsisti minn parti pubblika orjentata lejn il-konsumaturi, fejn l-informazzjoni rigward il-parametri tal-prodotti individwali tkun aċċessibbli b'mezzi elettroniċi, portal online għall-aċċessibbiltà u parti dwar il-konformità, b'rekwiżiti ta' aċċessibbiltà u ta' sigurtà speċifikati b'mod ċar*;
- (26) *'tolleranza tal-verifika' tfisser id-devjazzjoni massima permissibbli tar-riżultati tal-kejl u l-kalkolu tat-testijiet ta' verifika mwettqa minn, jew f'isem, l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq, meta mqabbla mal-valuri tal-parametri ddikjarati jew ippubblikati, li tirrifletti d-devjazzjoni li tirriżulta minn varjazzjoni interlaboratorja*.

Obbligi ġenerali tal-fornituri

1. Il-fornitur għandu jiżgura li l-prodotti li jitqiegħdu fis-suq jiġu **akkumpanjati**, għal kull unità individwali, mingħajr ħlas, b'tikketti **stampati** preċiżi u **bi** skedi informattivi dwar il-prodott f'konformità ma' dan ir-Regolament u mal-atti delegati rilevanti.

Bħala alternattiva għall-forniment mal-prodott tal-iskeda informattiva dwar il-prodott ikunu ddaħħlu fil-bażi tad-data tal-prodotti, l-atti delegati msemija fil-punt (h) tal-Artikolu 16(3) jistgħu jipprevedu li jkun biżżejjed li l-fornitur idaħħal il-parametri ta' din l-iskeda informattiva dwar il-prodott fil-bażi tad-data tal-prodotti. F'dan il-każ, il-fornitur għandu jipprovdi l-iskeda informattiva dwar il-prodott f'forma stampata lin-negozjant, fuq talba.

L-atti delegati jistgħu jipprevedu li t-tikketta tiġi stampata fuq l-imballaġġ tal-prodott.

2. *Il-fornitur għandu jqassam it-tikketti stampati, inkluż it-tikketti riklassifikati f'konformità mal-Artikolu 11(13), u l-iskedi informattivi dwar il-prodott, lin-negozjant, mingħajr ħlas, minnufih u f'kwalunkwe każ fi żmien ħamest ijiem ta' ħidma fuq talba min-negozjant.*

3. *Il-fornitur* għandu jiżgura li t-tikketti u l-iskedi informattivi dwar il-prodott li jipprovdi jkunu preċiżi, u għandu jipproduċi dokumentazzjoni teknika suffiċjenti biex tkun tista' tiġi vvalutata l-preċiżjoni.



4. *Ladarba unità ta' mudell tkun fis-servizz, il-fornitur għandu jitlob il-kunsens espliċitu tal-klijent rigward kwalunkwe bidla maħsuba li tiġi introdotta lill-unità permezz ta' aġġornamenti li jistgħu jkunu ta' detriment għall-parametri tat-tikketta dwar l-effiċjenza enerġetika għal dik l-unità, kif stabbilit ma fl-att delegat rilevanti. Il-fornitur għandu jgħarraf lill-klijent dwar l-oġettiv tal-aġġornament u tal-bidliet fil-parametri, inkluż dwar kwalunkwe bidla fil-klassi tat-tikketta. Għal perijodu proporzjonat skont il-medja tat-tul tal-ħajja tal-prodott, il-fornitur għandu jagħti l-għażla lill-klijent li jirrifjuta l-aġġornament mingħajr telf ta' funzjonalità li seta' jiġi evitat.*
5. *Il-fornitur ma għandux iquieghed fis-suq prodotti li ġew iddisinjati b'tali mod li l-prestazzjoni ta' mudell tinbidel awtomatikament f'kondizzjonijiet ta' ttestjar bl-oġettiv li jintlaħaq livell aktar favorevoli għal kwalunkwe wieħed mill-parametri speċifikati fl-att delegat rilevanti jew inkluż fi kwalunkwe dokument ipprovdut mal-prodott.*

Artikolu 4

Obbligi ta' fornituri fir-rigward tal-bażi tad-data tal-prodotti

- 1. Mill-1 ta' Jannar 2019, il-fornitur għandu, qabel ma jqiegħdu fis-suq unità ta' mudell ġdid kopert b'att delegat, idaħħal fil-parti pubblika u fil-parti li tirrigwarda l-konformità tal-bażi tad-data tal-prodotti l-informazzjoni għal dak il-mudell, kif stipulat fl-Anness I.*
- 2. Meta l-unitajiet ta' mudelli koperti b'att delegat jitqiegħdu fis-suq bejn ... [l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] u l-1 ta' Jannar 2019, il-fornitur għandu, sat-30 ta' Ġunju 2019, idaħħal fil-bażi tad-data tal-prodotti l-informazzjoni stipulata fl-Anness I fir-rigward ta' dawk il-mudelli.*

Sakemm id-data tiddaħħal fil-bażi tad-data tal-prodotti, il-fornitur għandu jagħmel disponibbli verżjoni elettronika tad-dokumentazzjoni teknika għal spezzjoni, fi żmien 10 ijiem minn meta jirċievi talba mingħand l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jew il-Kummissjoni.
- 3. Il-fornitur jista' idaħħal fil-bażi tad-data tal-prodotti, l-informazzjoni għall-mudelli, kif stipulat fl-Anness I, li l-unitajiet tagħhom kienu tqiegħdu esklużivament fis-suq qabel ... [l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].*

4. *Prodott li ssirlu kwalunkwe bidla li tkun rilevanti għat-tikketta jew l-iskeda informattiva dwar il-prodott għandu jitqies bħala mudell ġdid. Il-fornituri għandhom jindikaw fil-bażi tad-data meta ma jibqgħux iqiegħdu fis-suq l-unitajiet ta' mudell.*
5. *L-obbligi msemija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu ma għandhomx japplikaw għall-imballaġġ tal-ħiters kif imsemmi fir-Regolamenti Delegati tal-Kummissjoni (UE) Nru 811/2013¹⁶, (UE) Nru 812/2013¹⁷ u (UE) 2015/1187¹⁸, fejn il-provvista ta' tikketti għal dak l-imballaġġ taqa' esklużivament taħt ir-responsabbiltà tan-negozjant.*
6. *Wara li l-aħħar unità ta' mudell tkun tqiegħdet fis-suq, il-fornitur għandu jżomm l-informazzjoni dwar dak il-mudell fil-bażi tad-data fil-parti dwar il-konformità tal-bażi tad-data tal-prodott għal perijodu ta' 15-il sena. Fejn adatt b'rabta mal-medja tat-tul tal-ħajja tal-prodott, jista' jiġi previst perijodu iqsar ta' żamma tad-data skont il-punt (q) tal-Artikolu 16(3). L-informazzjoni fil-parti pubblika tal-bażi tad-data m'għandhiex titħassar.*

¹⁶ *Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 811/2013 tat-18 ta' Frar 2013 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mat-tikkettar enerġetiku ta' ħiters tal-post, ħiters ikkombinati, pakketti magħmulin minn ħiter tal-post, regolatur tat-temperatura u apparat solari u pakketti magħmulin minn ħiter ikkombinat, regolatur tat-temperatura u apparat solari (ĠU L 239, 6.9.2013, p. 1).*

¹⁷ *Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 812/2013 tat-18 ta' Frar 2013 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mat-tikkettar enerġetiku ta' ħiters tal-ilma, tankijiet tal-misħun u pakketti magħmulin minn ħiter tal-ilma u minn apparat solari (ĠU L 239, 6.9.2013, p. 83).*

¹⁸ *Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/1187 tas-27 ta' April 2015 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tat-tikkettar tal-enerġija tal-bojlers tal-fjuwil solidu u pakketti ta' bojlers tal-fjuwil solidu, ħiters supplimentari, regolaturi tat-temperatura u apparat solari (ĠU L 193, 21.7.2015, p. 43).*

Artikolu 5
Obbligi tan-negozjanti

1. In-negozjant għandu:

(a) ■ jesponu, b'mod viżibbli, **inkluż f'każ ta' bejgħ mill-bogħod online**, it-tikketta pprovduta mill-fornitur jew ■ li tkun saret disponibbli **f'konformità mal-paragrafu 2 għall-unitajiet ta' mudell** kopert bl-att delegat rilevanti; u

■

(b) **iqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-klijenti l-iskeda informattiva dwar il-prodott, fuq talba, inkluż f'forma fiżika fil-post tal-bejgħ;**

2. Meta, minkejja l-Artikolu 3(1), in-negozjant ma jkollux tikketta, huwa għandu jitlobha mingħand il-fornitur f'konformità mal-Artikolu 3(2).

3. Meta, minkejja l-Artikolu 3(1), in-negozjant ma jkollux skeda informattiva dwar il-prodott, huwa għandujitlobha mingħand il-fornitur f'konformità mal-Artikolu 3(2); jew, jekk jagħżel li jagħmel dan, jistampaha jew iniżżilha biex jesponiha f'forma elettronika mill-bażi tad-data tal-prodotti, jekk dawk il-funzjonijiet ikunu disponibbli għall-prodott rilevanti.

Artikolu 6
Obbligi oħrajn tal-fornituri u n-negozjanti

Il-fornitur u n-negozjant:

- (a) **■** għandhom jagħmlu referenza għall-klassi tal-effiċjenza enerġetika tal-prodott ***u l-firxa tal-klassijiet tal-effiċjenza enerġetika disponibbli fuq it-tikketta f'reklami viżivi*** jew materjal promozzjonali tekniku għal mudell speċifiku **■** f'konformità mal-att delegat rilevanti;
- (b) **■** għandhom jikkooperaw mal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u jieħdu azzjoni immedjata biex jirrimedjaw kwalunkwe każ ta' nonkonformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament u l-atti delegati rilevanti, li jaqa' taħt ir-responsabbiltà tagħhom, fuq inizjattiva tagħhom stess jew meta jintalbu biex jagħmlu dan mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq;
- (c) **■** għal prodotti koperti b'***atti delegati, m'għandhomx*** jipprovdu jew jesponu tikketti, marki, simboli jew skrizzjonijiet oħrajn li mhumiex konformi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u l-atti delegati rilevanti, jekk meta jagħmlu dan aktarx ikunu qed iqarrqu jew iħawwdu lill-klijenti fir-rigward tal-konsum tal-enerġija jew riżorsi oħrajn użati waqt l-użu;
- (d) ***għall-prodotti li mhumiex koperti b'atti delegati, m'għandhomx jipprovdu jew juru tikketti li jixbhu t-tikketti previsti f'dan ir-Regolament u l-atti delegati rilevanti;***

- (e) **għal prodotti mhux relatati mal-enerġija**, m'għandhomx jipprovdu jew juru tikketti li jixbhu t-tikketti previsti f'dan ir-Regolament jew **f'atti delegati**.

Il-punt (d) fl-ewwel subparagrafu m'għandux jaffettwa t-tikketti previsti fil-liġi nazzjonali, sakemm dawk it-tikketti ma jkunux previsti f'atti delegati adottati.

Artikolu 7

Obbligi tal-Istati Membri

1. L-Istati Membri m'għandhomx ■ jimpedixxu t-tqegħid fis-suq jew it-tqegħid fis-servizz, fit-territorji tagħhom, ta' ■ prodotti li huma konformi ma' dan ir-Regolament u l-atti delegati rilevanti ■ .
2. Meta l-Istati Membri jipprovdu ■ inċentivi għal prodott speċifikat f'att delegat, **dawk l-inċentivi** għandhom iżommu fil-mira l-ogħla **żewġ klassijiet ta' effiċjenza enerġetika popolate b'mod sinifikanti, jew klassijiet ogħla kif** stabbilit f'dak l-att delegat.
3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-introduzzjoni tat-tikketti **u r-riklassifikazzjoni tat-tikketti** ■ ssir flimkien ma' kampanji ta' informazzjoni edukattivi u promozzjonali dwar **it-tikkettar tal-enerġija**, jekk xieraq f'kooperazzjoni mal-fornituri u n-negozjanti. **Il-Kummissjoni għandha tappoġġa l-kooperazzjoni u l-iskambju tal-aħjar prattiki fir-rigward ta' dawk il-kampanji, inkluż permezz tar-rakkomandazzjoni tal-messaġġi ewlenin komuni.**

4. L-Istati Membri ■ għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-pieni u l-mekkaniżmi ta' infurzar applikabbli għal ksur ta' dan ir-Regolament u l-atti delegati, u għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji kollha biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-pieni previsti ***għandhom*** ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. ***Ir-regoli li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 15 tad-Direttiva 2010/30/UE għandhom jitqiesu li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dan il-paragrafu fir-rigward tal-pieni.***

L-Istati Membri għandhom sa ... [l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, jekk jogħġbok daħħal id-data ***tad-dħul fis-seħħ*** ta' dan ir-Regolament], jinnotifikaw lill-Kummissjoni bir-***regoli msemmija fl-ewwel subparagrafu li ma kinux notifikati qabel*** lill-Kummissjoni, għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni, mingħajr dewmien, bi kwalunkwe emenda suċċessiva li taffettwahom.

Artikolu 8

Sorveljanza tas-suq tal-Unjoni u kontroll tal-prodotti ■ li jidħlu fis-suq tal-Unjoni

1. L-Artikoli 16 sa 29 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 għandhom japplikaw għal ■ prodotti koperti b'dan ir-Regolament u bl-atti delegati rilevanti.
2. Il-Kummissjoni għandha ***tinkoraġġixxi u*** tappoġġa l-kooperazzjoni u ***l***-iskambju tal-informazzjoni dwar is-sorveljanza tas-suq relatata mat-tikkettar tal-enerġija ta' prodotti ***bejn*** l-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri ***li jkunu*** responsabbli mis-sorveljanza tas-suq jew ***inkarigati mill-kontroll tal-prodotti li jidħlu fis-suq tal-Unjoni u bejniethom u l-Kummissjoni, fost l-oħrajn b'involviment aktar mill-qrib l-AdCos dwar l-Ekodisinn u t-Tikkettar tal-Enerġija.***

Tali skambji ta' informazzjoni għandhom isiru wkoll meta r-riżultati tat-testijiet jindikaw li l-prodott huwa konformi ma' dan ir-Regolament u l-atti delegati rilevanti.

3. *Il-programmi ġenerali tas-sorveljanza tas-suq jew il-programmi speċifiċi għas-settur tal-Istati Membri stabbiliti skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 għandhom jinkludu azzjonijiet biex jiġi żgurat l-infurzar effettiv ta' dan ir-Regolament.*
4. *Il-Kummissjoni għandha, f'kooperazzjoni mal-AdCos dwar l-Ekodisinn u t-Tikkettar tal-Enerġija, tfassal linji gwida għall-infurzar ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari fir-rigward tal-aħjar prattiki għall-ittestjar ta' prodotti u l-iskambju tal-informazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali tas-sorveljanza tas-suq u l-Kummissjoni.*
5. *L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandu jkollhom id-dritt li jirkupraw mill-fornituri l-ispejjeż tal-ispezzjoni tad-dokumenti u l-ittestjar fiżiku fuq il-prodotti fil-każ ta' nonkonformità ma' dan ir-Regolament jew l-atti delegati rilevanti.*

Proċedura fil-livell nazzjonali għat-trattament ta' prodotti li jippreżentaw riskju

1. Meta l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq ta' Stat Membru wieħed ikollhom raġuni suffiċjenti biex jemmnu li prodott kopert b' [] dan ir-Regolament ikun ta' riskju għall-aspetti tal-ħarsien tal-interess pubbliku koperti b'dan ir-Regolament, ***bħal aspetti tal-protezzjoni ambjentali u tal-konsumatur***, huma għandhom jagħmlu evalwazzjoni relatata mal-[] prodott ikkonċernat li tkun tkopri r-rekwiżiti kollha ***tat-tikkettar tal-enerġija rilevanti għar-riskju u*** stipulati f'dan ir-Regolament ***jew*** fl-att delegat rilevanti. ***Il-fornituri u n-negożjanti*** għandhom jikkooperaw kif meħtieġ mal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għall-fini ta' dik l-evalwazzjoni.
2. Meta, matul l-evalwazzjoni ***msemmija fil-paragrafu 1***, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq isibu li l-prodott [] ma jikkonformax mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament [] jew fl-att delegat rilevanti, huma għandhom mingħajr dewmien jitolbu lill-fornitur, ***jew fejn xieraq, lin-negożjant***, biex jieħu l-azzjonijiet korrettivi adatti kollha biex il-prodott [] isir konformi ma' daww ir-rekwiżiti, ***fejn xieraq*** jirtiraw il-prodott [] mis-suq, jew, ***fejn xieraq***, jsejnhu lura f'perijodu raġonevoli ta' żmien, li jikkorrispondi man-natura tar-riskju [] kif jista' jkun preskritt minnhom.

L-Artikolu 21 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 għandu japplika għall-miżuri msemmija f'dan il-paragrafu.

3. Meta l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jikkunsidraw li każ ta' nonkonformità kif imsemmi fil-paragrafu 2 mhux ristrett għat-territorju nazzjonali tagħhom, huma għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn bir-riżultati tal-evalwazzjoni u bl-azzjoni li huma jkunu talbu lill-fornitur **jew lin-negozjant** biex jieħu.
4. Il-fornitur **jew, fejn xieraq, in-negozjant** għandu jiżgura li tittieħdet kull azzjoni korrettiva **jew restrittiva** adatta **f'konformità mal-paragrafu 2** fir-rigward tal-prodotti ■ kkonċernati kollha li huwa jkun qiegħed għad-dispożizzjoni fis-suq madwar l-Unjoni.
5. Meta l-fornitur **jew, fejn xieraq, in-negozjant** ma jiħux l-azzjoni korrettiva adegwata fil-perijodu msemmi fil-paragrafu 2 ■ , l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom jieħdu l-miżuri proviżorji adatti kollha biex jipprojbixxu jew jirrestrinġu ■ d-disponibbiltà tal-prodott fis-suq nazzjonali tagħhom, jirtiraw ■ il-prodott minn dak is-suq jew isejħuh lura.

6. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn mingħajr dewmien b'il-miżuri meħuda skont il-paragrafu 5.

Dik l-informazzjoni ■ għandha tinkludi d-dettalji kollha disponibbli, b' mod partikolari:

- (a) id-data neċessarja għall-identifikazzjoni tal-prodott ■ nonkonformi;
- (b) l-oriġini ■ tal-prodott;
- (c) in-natura tan-nonkonformità allegata u r-riskju involut;
- (d) in-natura u d-durata tal-miżuri nazzjonali li jkunu ttieħdu u l-argumenti mressqa mill-fornitur, *jew, fejn xieraq, in-negożjant*.

B'mod partikolari, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom jindikaw jekk in-nonkonformità hix ġejja min-nuqqas ■ tal-prodott li jilħaq ir-rekwiżiti relatati mal-aspetti tal-ħarsien tal-interess pubbliku stabbiliti f'dan ir-Regolament jew minħabba nuqqasijiet fl-istandards armonizzati msemmija fl-Artikolu 13 li jagħtu preżunzjoni ta' konformità.

7. L-Istati Membri għajr l-Istat Membru li jibda l-proċedura għandhom mingħajr dewmien jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn bi kwalunkwe miżura adottata u bi kwalunkwe informazzjoni addizzjonali għad-dispożizzjoni tagħhom relatata man-nonkonformità ■ tal-prodott ikkonċernat, u, f'każ li jkun hemm nuqqas ta' qbil mal-miżura nazzjonali notifikata, tal-oġġezzjonijiet tagħhom.

8. Meta, fi żmien 60 jum mill-wasla tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 6, ma tkun saret ebda oġġezzjoni minn Stat Membru jew mill-Kummissjoni dwar miżura proviżorja meħuda minn Stat Membru, dik il-miżura għandha titqies bħala ġustifikata.
9. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jittieħdu miżuri restrittivi xierqa, bħall-irtirar tal-prodott ■ mis-suq tagħhom, fir-rigward tal-prodott ■ ikkonċernat, mingħajr dewmien.

Artikolu 10

Proċedura ta' salvagwardja tal-Unjoni

1. Meta, kif titlesta l-proċedura stabbilita fl-**Artikoli 9(4) u (5)**, jitqajmu oġġezzjonijiet kontra miżura meħuda minn Stat Membru, jew meta l-Kummissjoni tikkunsidra li miżura nazzjonali tmur kontra l-liġi tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha mingħajr dewmien, tikkonsulta lill-Istati Membri u lill-fornitur ***jew, fejn xieraq, lin-negozjant***, u għandha tevalwa l-miżura nazzjonali.

Abbażi tar-riżultati ***ta' dik l***-evalwazzjoni, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi permezz ta' ***att ta' implimentazzjoni*** dwar jekk il-miżura nazzjonali hix ġustifikata jew le ***u tista' tissuġġerixxi miżura alternattiva adatta. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 18(2).***

2. Il-Kummissjoni għandha tindirizza d-deċiżjoni tagħha lill-Istati Membri kollha u għandha immedjatement tikkomunikaha lilhom u ***lill-fornitur jew lin-negozjant ikkonċernat.***
3. Jekk il-miżura nazzjonali titqies ***bħala*** ġustifikata, l-Istati Membri kollha għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw li l-prodott nonkonformi ■ jiġi irtirat mis-suq tagħhom, u għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni kif adatt. Jekk il-miżura nazzjonali titqies ***bħala*** mhux ġustifikata, l-Istat Membru kkonċernat għandu jirtira l-miżura.
4. Meta l-miżura nazzjonali titqies ***bħala*** ġustifikata u n-nonkonformità ■ tal-prodott tkun attribwita għan-nuqqasijiet fl-istandards armonizzati msemmija fl-***Artikolu 9(6) ta' dan ir-Regolament***, il-Kummissjoni għandha tapplika l-proċedura prevista fl-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012.
5. ***Il-miżuri korrettivi jew restrittivi skont l-Artikolu 9(2), (4), (5) jew (9), jew l-Artikolu 10(3) għandhom jiġu estiżi għall-unitajiet kollha ta' mudell nonkonformi u l-mudelli ekwivalenti tiegħu, ħlief dawk l-unitajiet li għalihom il-fornitur juri li huma konformi.***

Proċedura għall-introduzzjoni u r-riklassifikazzjoni tat-tikketti

1. *Fir-rigward tal-gruppi ta' prodotti msemmija fil-paragrafi 4 u 5, il-Kummissjoni għandha tirriklassifika t-tikketti li kienu fis-seħħ fi ... [l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] soġġett għall-paragrafi 4 u 5 u 8 sa 12.*

B'deroga mir-rekwiżit li jinkiseb iffrankar sinifikanti tal-enerġija u tal-ispejjeż stabbilit fil-punt (b) tal-Artikolu 16(3), fejn ir-riklassifikazzjoni ma tistax tikseb tali ffrankar, hija għandha tiżgura tal-inqas skala omoġena A sa G.
2. *Fejn ma teżistix tikketta għal grupp ta' prodotti fi ... [l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni tista', soġġett għall-paragrafi 8 sa 12, tintroduċi tikketti.*
3. *Il-Kummissjoni tista' terġa' tirriklassifika t-tikketti li ġew riklassifikati f'konformità mal-paragrafu 1 jew introdotti f'konformità mal-paragrafu 2 fejn ikunu ntlaħqu l-kondizzjonijiet taħt il-punti (a) jew (b) tal-paragrafu 6, u soġġett għall-paragrafi 8 sa 12.*

4. *Sabiex tiġi żgurata skala omoġenea A sa G, il-Kummissjoni għandha tadotta, sa ... [l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, jekk jogħġbok daħħal id-data 6 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], atti delegati skont l-Artikolu 16 ta' dan ir-Regolament sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tintroduċi tikketti riklassifikati A sa G għal gruppi ta' prodotti koperti bl-atti delegati adottati skont id-Direttiva 2010/30/UE, bil-għan li t-tikketta riklassifikata tintwera kemm fil-ħwienet kif ukoll online, 18-il xahar wara d-dħul fis-seħħ tal-atti delegati adottati skont dan ir-Regolament.*

Meta tiddetermina l-ordni tal-gruppi ta' prodotti li għandhom jiġu riklassifikati, il-Kummissjoni għandha tqis il-proporzjon ta' prodotti fl-ogħla klassijiet.

5. *B'deroga mill-paragrafu 4, il-Kummissjoni għandha:*

- (a) *tippreżenta analiżi għall-gruppi ta' prodotti koperti mir-Regolamenti ta' Delega (UE) Nru 811/2013, (UE) Nru 812/2013 u (UE) 2015/1187 sa ... [l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, jekk jogħġbok daħħal id-data 8 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] bil-ħsieb li tirriklassifikahom, u, fejn xieraq, għandha, sa ... [l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, jekk jogħġbok daħħal id-data 9 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], tadotta atti delegati skont l-Artikolu 16 ta' dan ir-Regolament sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tintroduċi tikketti riklassifikati A sa G.*

Fi kwalunkwe każ, l-atti delegati li jintroduċu tikketti riklassifikati A sa G għandhom jiġu adottati sa mhux aktar tard minn ... [l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, jekk jogħġbok daħħal id-data 13-il sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

- (b) *tadotta, sa ... [l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, jekk jogħġbok daħħal id-data 15-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], atti delegati skont l-Artikolu 16 ta' dan ir-Regolament sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tintroduċi tikketti riklassifikati A sa G għall-gruppi ta' prodotti koperti mir-Regolamenti Delegati tal-Kummissjoni (UE) Nru 1059/2010¹⁹, (UE) Nru 1060/2010²⁰, (UE) 1061/2010²¹, (UE) Nru 1062/2010²² u (UE) Nru 874/2012²³ u d-Direttiva 96/60/KE, bil-għan li t-tikketta riklassifikata tkun esposta kemm fil-ħwienet kif ukoll online, 12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ tagħhom.*

¹⁹ *Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1059/2010 tat-28 ta' Settembru 2010 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tat-tikketti li jindikaw il-konsum tal-enerġija tal-magni domestiċi tal-ħasil tal-platti (ĠU L 314, 30.11.2010, p. 1).*

²⁰ *Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1060/2010 tat-28 ta' Settembru 2010 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' tikkettar tal-enerġija tat-tagħmir refriġeranti domestiku (ĠU L 314, 30.11.2010, p. 17).*

²¹ *Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1061/2010 tat-28 ta' Settembru 2010 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti tal-ekodisinn għal magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ domestiċi (ĠU L 314, 30.11.2010, p. 47).*

²² *Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1062/2010 tat-28 ta' Settembru 2010 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tat-tikkettar enerġetiku għat-televisjoni (ĠU L 314, 30.11.2010, p. 64).*

²³ *Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 874/2012 tat-12 ta' Lulju 2012 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tat-tikkettar enerġetiku tal-bozoz tal-elettriku u l-unitajiet tat-tidwil (ĠU L 258, 26.9.2012, p. 1).*

6. *Fir-rigward tal-prodotti li għalihom il-Kummissjoni tista' terġa' tirriklassifika t-tikketti f'konformità mal-paragrafu 3, il-Kummissjoni għandha tirrieżamina t-tikketta bil-ħsieb li tirriklassifikaha jekk tqis li:*
- (a) *30 % tal-unitajiet tal-mudelli li jappartjenu għal grupp ta' prodotti li jinbiegħ fis-suq tal-Unjoni jaqgħu taħt l-ogħla klassi tal-effiċjenza enerġetika A u jista' jkun mistenni aktar żvilupp teknoloġiku; jew*
 - (b) *50% tal-unitajiet tal-mudelli li jappartjenu għal grupp ta' prodotti li jinbiegħ fis-suq tal-Unjoni jaqgħu taħt l-ogħla żewġ klassijiet tal-effiċjenza enerġetika A u B u jista' jkun mistenni aktar żvilupp teknoloġiku.*
7. *Il-Kummissjoni għandha tagħmel studju analitiku jekk tkun qieset li ntlaħqu l-kondizzjonijiet tal-punt (a) jew (b) tal-paragrafu 6.*
- Jekk, għal grupp speċifiku ta' prodotti, daww il-kondizzjonijiet ma jiġux sodisfatti fi żmien tmien snin wara d-dħul fis-seħħ tal-att delegat rilevanti, il-Kummissjoni għandha tidentifika liema ostakli, jekk ikun hemm, żammew it-tikketta lura milli taqdi r-rwol tagħha.*

Fil-każ ta' tikketti ġodda hija għandha tagħmel studju preparatorju bbażat fuq il-lista indikattiva ta' gruppi ta' prodotti stabbiliti fil-pjan ta' ħidma.

Il-Kummissjoni għandha tiffinalizza l-istudju analitiku tagħha, tippreżenta r-riżultati u, fejn xieraq, abbozz ta' att delegat lill-Forum Konsultattiv fi żmien 36 xahar minn meta l-Kummissjoni tkun stmat li jkunu ġew sodisfatti l-kondizzjonijiet imsemmija fil-punt (a) jew (b) tal-paragrafu 6. Il-Forum Konsultattiv għandu jiddiskuti l-istima u l-istudju analitiku.

8. Meta tikketta tiġi introdotta jew riklassifikata, il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-ebda prodott ma jkun mistenni li jaqa' fil-**klassi** tal-effiċjenza enerġetika A ■ fil-mument tal-introduzzjoni tat-tikketta u li ż-żmien meqjus li matulu l-maġġoranza tal-mudelli jaqgħu *f'dik il-klassi* ikun tal-anqas 10 snin wara.

■

9. *B'deroga mill-paragrafu 8, fejn it-teknoloġija tkun mistennija tiżviluppa aktar malajr, ir-rekwiżiti għandhom jiġu stabbiliti b'tali mod li l-ebda prodott ma jkun mistenni li jaqa' fil-klassijiet tal-effiċjenza enerġetika A u B fil-mument tal-introduzzjoni tat-tikketta.*

10. *Fejn, f'każ ta' grupp ta' prodotti partikolari, ma jibqax permess li jitqiegħdu fis-suq jew li jitqiegħdu fis-servizz mudelli fil-klassi tal-effiċjenza enerġetika E, F jew G minħabba miżura ta' implimentazzjoni tal-Ekodisinn adottata skont id-Direttiva 2009/125/KE, il-klassi jew klassijiet inkwistjoni għandhom jintwerew bil-griż fuq it-tikketta kif speċifikat fl-att delegat rilevanti. It-tikketta bil-klassijiet griżi għandha tapplika biss għall-unitajiet ta' prodotti ġodda li jitqiegħdu fis-suq jew jitqiegħdu fis-servizz.*
11. *Fejn, għal raġunijiet tekniċi, ikun impossibbli li jiġu definiti seba' klassijiet tal-effiċjenza enerġetika li jikkorrispondu għal iffrankar sinifikanti ta' enerġija u spejjeż mill-perspettiva tal-klijent, it-tikketta, permezz ta' deroga mill-punt 14 tal-Artikolu 2, jista' jkun fiha inqas klassijiet. F'każijiet bħal dawn, l-ispettru aħdar skur sal-aħmar tat-tikketta għandu jinżamm.*
12. *Il-Kummissjoni għandha teżerċita s-setgħat u l-obbligi mogħtija lilha b'dan l-Artikolu f'konformità mal-Artikolu 16.*

13. Meta, *skont il-paragrafu 1 jew 3*, tiġi riklassifikata tikketta:

- (a) il-fornitur għandu, *meta jqiegħed prodott fis-suq*, jipprovdi kemm it-tikketti eżistenti kif ukoll dawk riklassifikati *u l-iskedi informattivi dwar il-prodott* lin-negozjant għal perijodu li jibda *erba'* xhur qabel id-data speċifikata *fl-att delegat rilevanti biex tibda tintwera t-tikketta riklassifikata*.

B'deroga mill-ewwel subparagrafu ta' dan il-punt, jekk it-tikketta eżistenti u dik riklassifikata jeħtieġu ttestjar differenti tal-mudell, il-fornitur jista' jagħżel li ma jfornix it-tikketta eżistenti mal-unitajiet tal-mudelli li tqiegħdu fis-suq jew li tqiegħdu fis-servizz matul il-perijodu ta' erba' xhur qabel id-data speċifikata fl-att delegat rilevanti biex tibda tiġi esposta t-tikketta riklassifikata, jekk l-ebda unità tal-istess mudell jew il-mudelli ekwivalenti ma tqiegħdet fis-suq jew tqiegħdet fis-servizz qabel il-bidu tal-perijodu ta' erba' xhur. F'dak il-każ, in-negozjant m'għandux joffri dawk l-unitajiet għall-bejgħ qabel dik id-data. Il-fornitur għandu jinnotifika lin-negozjant ikkonċernat b'din il-konsegwenza mill-aktar fis possibbli, inkluż meta jinkludi tali unitajiet fl-offerti tiegħu lin-negozjanti.

- (b) *il-fornitur għandu, għall-prodotti li jitqiegħdu fis-suq jew li tqiegħdu fis-servizz qabel il-perijodu ta' erba' xhur, iqassam it-tikketta riklassifikata fuq talba min-negozjant f'konformità mal-Artikolu 3(2) mill-bidu ta' dak il-perijodu. Għal tali prodotti, in-negozjant għandu jikseb tikketta riklassifikata f'konformità mal-Artikolu 5(2).*

B'deroga mill-ewwel subparagrafu ta' dan il-punt:

- (i) *negozjant li ma jistax jikseb tikketta riklassifikata f'konformità mal-ewwel subparagrafu ta' dan il-punt għall-unitajiet li diġà jinsabu fl-istokk tagħhom, għaliex il-fornitur ikun waqqaf l-attivitajiet tiegħu, għandu jkun jista' jbiegħ daww l-unitajiet esklużivament bit-tikketta mhux riklassifikata sa disa' xhur wara d-data speċifikata fl-att delegat rilevanti biex tibda tintwera t-tikketta riklassifikata; jew*
- (ii) *jekk it-tikketta mhux riklassifikata u dik riklassifikata jeħtieġu ttestjar differenti tal-mudell, il-fornitur huwa eżentat mill-obbligu li jforni tikketta riklassifikata għall-unitajiet li tqiegħdu fis-suq jew li tqiegħdu fis-servizz qabel il-perijodu ta' erba' xhur, jekk l-ebda unità tal-istess mudell jew mudelli ekwivalenti ma tqiegħdet fis-suq jew tqiegħdet fis-servizz wara l-bidu tal-perijodu ta' erba' xhur. F'dak il-każ, in-negozjant għandu jkun jista' jbiegħ daww l-unitajiet esklużivament bit-tikketta mhux riklassifikata sa disa' xhur wara d-data speċifikata fl-att delegat rilevanti biex tibda tiġi esposta t-tikketta riklassifikata.*

- (c) *in-negozjant* għandu jissostitwixxi t-tikketti eżistenti fuq il-prodotti esposti, *kemm fil-ħwienet kif ukoll online*, bit-tikketti riklassifikati fi żmien *14-il jum ta' ħidma* wara d-data speċifikata fl-att delegat rilevanti *biex tibda tiġi esposta t-tikketta riklassifikata*. In-negozjant m'għandux jesponi t-tikketti riklassifikati qabel dik id-data.

B'deroga mill-punti (a), (b) u (c) ta' dan il-paragrafu, l-atti delegati msemmija fil-punt (e) tal-Artikolu 16(3) jistgħu jipprevedu regoli speċifiċi għat-tikketti tal-enerġija stampati fuq l-imballaġġ.

Artikolu 12

Il-bażi tad-data tal-prodotti

1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi u żżomm bażi tad-data tal-prodotti *li tikkonsisti minn parti pubblika, parti ta' konformità u portal online li jagħti aċċess għal dawk iż-żewġ partijiet.*

Il-bażi tad-data tal-prodotti ma għandhiex tissostitwixxi u lanqas tibdel ir-responsabbiltajiet tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq.

2. *Il-bażi tad-data tal-prodotti għandu jkollha l-għanijiet li ġejjin:*

- (a) *li tappoġġa lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq fit-twettiq tal-kompiti tagħhom skont dan ir-Regolament u l-atti delegati rilevanti, inkluż l-infurzar tagħhom;*
- (b) *li tipprovdi lill-pubbliku b'informazzjoni dwar prodotti mqiegħda fis-suq u t-tikketti tal-enerġija tagħhom, u l-iskedi informattivi dwar il-prodotti;*
- (c) *li tipprovdi informazzjoni aġġornata lill-Kummissjoni dwar l-effiċjenza enerġetika għal prodotti għall-analiżi tat-tikketti tal-effiċjenza enerġetika;*

3. *Il-parti pubblika tal-bażi tad-data u l-portal online għandu jkun fihom l-informazzjoni stabbilita fil-punti 1 u 2 tal-Anness I rispettivament, li għandha tkun disponibbli għall-pubbliku. Il-parti pubblika tal-bażi tad-data għandha tissodisfa l-kriterji fil-paragrafu 7 ta' dan l-Artikolu, u l-kriterji funzjonali stabbiliti fil-punt 4 tal-Anness I.*
4. *Il-parti tal-konformità tal-bażi tad-data tal-prodotti għandha tkun aċċessibbli biss għall-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq u lill-Kummissjoni u għandu jkun fiha l-informazzjoni stabbilita fil-punt 3 tal-Anness I, inkluż il-partijiet speċifiċi mid-dokumentazzjoni teknika kif imsemmi fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu. Il-parti tal-konformità għandha tissodisfa l-kriterji fil-paragrafi 7 u 8 ta' dan l-Artikolu, u l-kriterji funzjonali stabbiliti fil-punt 4 tal-Anness I.*
5. *Il-partijiet speċifiċi obligatorji tad-dokumentazzjoni teknika li l-fornitur għandu idaħħal fil-bażi tad-data għandhom ikopru biss:*
 - (a) *deskrizzjoni ġenerali tal-mudell, li tkun biżżejjed biex jiġi identifikat b'mod inekwivoku u faċli;*
 - (b) *referenzi għall-istandards armonizzati applikati jew standards ta' kejl oħrajn li jintużaw;*

- (c) il-prekawżjonijiet speċifiċi li għandhom jittieħdu meta l-mudell jiġi armat, installat, issirlu manutenzjoni jew jiġi ttestjat;*
- (d) il-parametri tekniċi mkejla tal-mudell;*
- (e) il-kalkoli li saru bil-parametri mkejla;*
- (f) kondizzjonijiet ta' ttestjar jekk ma jkunx deskritti biżżejjed fil-punt (b).*

Barra minn hekk, il-fornitur jista' jtella' fil-bażi tad-data partijiet addizzjonali tad-dokumentazzjoni teknika fuq bażi volontarja.

6. *Meta data minbarra dik speċifikata fil-paragrafu 5 jew li ma tkunx disponibbli fil-parti pubblika tal-bażi tad-data ssir neċessarja biex l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u/jew il-Kummissjoni jwettqu l-kompiti tagħhom skont dan ir-Regolament, huma għandhom ikunu jistgħu jiksbuha mill-fornitur fuq talba.*

7. *Il-bażi tad-data tal-prodotti għandha tiġi stabbilita f'konformità mal-kriterji li ġejjin:*
- (a) it-tnaqqis kemm jista' jkun tal-piż amministrattiv għall-fornitur u utenti l-oħra tal-bażi tad-data;*
 - (b) il-faċilità tal-użu u l-kosteffettività; u*
 - (c) l-evitar awtomatiku tar-reġistrazzjoni doppja.*
8. *Il-parti tal-konformità tal-bażi tad-data għandha tiġi stabbilita f'konformità mal-kriterji li ġejjin:*
- (a) il-protezzjoni mill-użu mhux maħsub u s-salvagwardja tal-informazzjoni kunfidenzjali permezz ta' arranġamenti stretti ta' sigurtà;*
 - (b) id-drittijiet ta' aċċess abbażi tal-prinċipju tal-ħtieġa ta' tagħrif;*
 - (c) l-ipproċessar tad-data personali f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Direttiva 95/46/KE, kif applikabbli;*
 - (d) il-limitazzjoni tal-ambitu tal-aċċess għad-data biex jiġi evitat li jiġu kkupjati settijiet akbar ta' data;*
 - (e) it-traċċabbiltà tal-aċċess għad-data għall-fornitur fir-rigward tad-dokumentazzjoni teknika tagħha.*

9. *Id-data fil-parti tal-konformità tal-bażi tad-data għandha tiġi ttrattata f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/443²⁴. B'mod partikolari, għandhom japplikaw l-arranġamenti speċifiċi tas-sigurtà ċibernetika tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2017/46²⁵ u r-regoli ta' implimentazzjoni tagħha. Il-livell ta' kunfidenzjalità għandu jirrifletti d-dannu konsegwenzjali li jirriżulta mill-iżvelar tad-data lil persuni mhux awtorizzati.*
10. *Il-fornitur għandu jkollu aċċess u drittijiet ta' editjar għall-informazzjoni li jkun daħħal fil-bażi tad-data tal-prodotti skont l-Artikolu 4(1) u (2). Għandu jinżamm rekord tal-bidliet għall-finijiet tas-sorveljanza tas-suq, u jinżammu d-dati ta' kwalunkwe editjar.*
11. *Il-klijenti li jużaw il-parti pubblika tal-bażi tad-data tal-prodotti għandhom ikunu jistgħu jidentifikaw faċilment l-aqwa klassi tal-effiċjenza enerġetika popolata għal kull grupp ta' prodotti, li jippermettilhom iqabblu l-karatteristiċi tal-mudell u jagħżlu l-aktar prodotti effiċjenti fl-użu tal-enerġija.*
12. *Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tispeċifika, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, id-dettalji operazzjonali tal-bażi tad-data tal-prodotti. Wara konsultazzjoni mal-Forum Konsultattiv previst fl-Artikolu 14, daww l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 18(2).*

²⁴ *Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/443 tat-13 ta' Marzu 2015 dwar is-Sigurtà fil-Kummissjoni (ĠU L 72, 17.3.2015, p. 41).*

²⁵ *Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2017/46 tal-10 ta' Jannar 2017 dwar is-sigurtà tas-sistemi ta' komunikazzjoni u informazzjoni fil-Kummissjoni Ewropea (ĠU L 6, 11.1.2017, p.40) .*

Artikolu 13
Standards armonizzati

1. Wara l-adozzjoni ta' att delegat skont ***l-Artikolu 16 ta' dan ir-Regolament*** li jistabbilixxi rekwiżiti speċifiċi għat-tikkettar ■ il-Kummissjoni għandha, f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012¹, tippubblika referenzi għall-istandards armonizzati li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' kejl u ta' kalkolu rilevanti tal-att delegat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
2. Meta jiġu applikati dawn l-istandards armonizzati waqt il-valutazzjoni tal-konformità ta' prodott, il-***mudell*** għandu jkun ***preżunt konformi*** mar-rekwiżiti ta' kejl u ta' kalkolu rilevanti tal-att delegat.
3. ***L-istandards armonizzati għandu jkollhom l-għan li jissimulaw l-użu reali kemm jista' jkun filwaqt li jinżamm metodu standard ta' ttestjar. Il-metodi ta' ttestjar għandhom barra minn hekk jieħdu kont tal-ispejjeż assoċjati għall-industrija u l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs).***
4. ***Il-metodi ta' kejl u ta' kalkolu inklużi fl-istandards armonizzati għandhom ikunu affidabbli, preċiżi u riproduċibbli, u allinjati mar-rekwiżiti tal-Artikolu 3(4) u (5).***

Artikolu 14

Forum ta' Konsultazzjoni

- (1) Fit-twettiq tal-attivitajiet tagħha skont dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tiżgura fir-rigward ta' kull att delegat **adottat skont l-Artikolu 16 u kull att ta' implimentazzjoni adottat skont l-Artikolu 12(12)** ta' dan ir-Regolament, parteċipazzjoni bbilanċjata tar-rappreżentanti tal-Istati Membri u tal-partijiet interessati ikkonċernati mill-grupp tal-prodotti inkwistjoni, bħall-industrija, inkluż l-SMEs u l-industrija tal-artiġjanat, it-trade unions, in-negozjanti, il-bejjieġha bl-imnut, l-importaturi, il-gruppi tal-ħarsien ambjentali u l-organizzazzjonijiet tal-konsumatur. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi Forum Konsultattiv li fih għandhom **jiltaqgħu** dawn il-partijiet. Il-Forum Konsultattiv **għandu** jkun ikkombinat mal-Forum Konsultattiv imsemmi fl-Artikolu 18 tad-Direttiva 2009/125/KE.
- (2) Fejn xieraq, **waqt li qed tħejji** atti delegati, il-Kummissjoni għandha tittestja d-disinn u l-kontenut tat-tikketti għal gruppi speċifiċi ta' prodotti ma' **gruppi rappreżentattivi tal-konsumaturi tal-Unjoni** biex ikun żgurat li t-tikketti jifhmuhom b'mod ċar.

Artikolu 15
Pjan ta' ħidma

Il-Kummissjoni għandha, wara li tkun ikkonsultat mal-Forum Konsultattiv imsemmi fl-Artikolu 14, tistabbilixxi pjan ta' ħidma ***fit-tul*** li għandu jsir disponibbli għall-pubbliku. Il-pjan ta' ħidma għandu jistabbilixxi lista indikattiva ta' gruppi ta' prodotti li huma kkunsidrati bħala prijoritajiet għall-adozzjoni tal-atti delegati. Il-pjan ta' ħidma għandu wkoll jistabbilixxi pjanijiet għar-reviżjoni u r-riklassifikazzjoni tat-tikketti ***għall-gruppi ta' prodotti f'konformità mal-Artikolu 11(4) u (5), bl-eċċezzjoni tar-riklassifikazzjoni tat-tikketti li kienu fis-seħħ fi ... [l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] li għalihom ir-riklassifikazzjoni hija prevista fl-Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament.***

Il-Kummissjoni għandha taġġorna perijodikament il-pjan ta' ħidma wara konsultazzjoni mal-Forum Konsultattiv. Il-pjan ta' ħidma jista' jiġi kkombinat mal-pjan ta' ħidma meħtieġ mill-Artikolu 16 tad-Direttiva 2009/125/KE ***u għandu jiġi rieżaminat kull tliet snin.***

Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill kull sena bil-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni tal-pjan ta' ħidma.

Artikolu 16

Atti Delegati

1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati ***skont l-Artikolu 17 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi*** rekwiżiti dettaljati relatati ma' tikketti għal gruppi speċifiċi ta' prodotti .
2. L-atti delegati msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jispeċifikaw gruppi ta' prodotti li jissodisfaw il-kriterji li ġejjin:
 - (a) skont l-aktar ċifri disponibbli reċenti u filwaqt li jiġu kkunsidrati l-kwantitajiet imqiegħda fis-suq tal-Unjoni, il-grupp tal-prodotti għandu jkollu potenzjal sinifikanti għall-iffrankar tal-enerġija u, meta rilevanti, ta' riżorsi oħra;
 - (b) ***fil-grupp*** ta' prodotti, ***mudelli*** b'funzjonalità ekwivalenti għandhom ivarjaw b'mod sinifikanti fil-livelli ta' prestazzjoni rilevanti;
 - (c) m'għandux ikun hemm impatt negattiv sinifikanti fir-rigward tal-affordabbiltà u l-ispiża taċ-ċiklu tal-ħajja tal-grupp ta' prodotti;
 - (d) ***l-introduzzjoni ta' rekwiżiti tat-tikkettar tal-enerġija għal grupp ta' prodotti ma għandux ikollha impatt negattiv sinifikanti fuq il-funzjonalità tal-prodott waqt li jkun qed jintuża;***

3. L-atti delegati relatati ma' gruppi speċifiċi ta' prodotti għandhom ji speċifikaw, b'mod partikolari:
- (a) id-definizzjoni tal-**grupp** speċifiku tal-prodotti li jaqa' fid-definizzjoni ta' "prodott relatat mal-enerġija" stabbilita **fil-punt 1 tal-Artikolu 2** li **għandu** jkun kopert **mir-rekwiżiti dettaljati tat-tikkettar**;
 - (b) id-disinn u l-kontenut tat-tikketta, inkluż skala li turi l-konsum tal-enerġija li tikkonsisti minn A sa G, li kemm jista' jkun għandu jkollha karatteristiċi uniformi fid-disinn għall-gruppi kollha ta' prodotti u fil-każijiet kollha għandha tkun ċara u tinqara. **L-istadji minn A sa G tal-klassifikazzjoni għandhom jikkorrispondu mal-iffrankar sinifikanti tal-enerġija u l-ispejjeż u d-differenzazzjoni xierqa tal-prodott mill-perspettiva tal-klijent. Huma għandhom ji speċifikaw ukoll kif l-istadji A-G tal-klassifikazzjoni, u fejn applikabbli l-konsum tal-enerġija, jintwerew f'pożizzjoni prominenti fuq it-tikketta**;
 - (c) fejn xieraq, l-użu ta' riżorsi oħra u informazzjoni supplimentari li tikkonċerna **l-prodott**, u f'dak il-każ it-tikketta għandha tenfasizza l-effiċjenza enerġetika tal-prodott. **L-informazzjoni supplimentari għandha tkun mingħajr ambigwità u mingħajr impatt negattiv fuq l-intelliġibbiltà ċara u l-effikaċja tat-tikketta b'mod ġenerali għall-klijenti. Hija għandha tkun ibbażata fuq data dwar il-karatteristiċi fiżiċi tal-prodott li jistgħu jitkejlu u jiġu vverifikati mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq**;

- (d) *fejn xieraq, l-inklużjoni ta' referenza fit-tikketta li tippermetti lill-klijenti jidentifikaw prodotti li huma intelliġenti fl-użu tal-enerġija, jiġifieri, li kapaċi awtomatikament jibdlu u jottimizzaw it-tendenzi tal-konsum tagħhom b'reazzjoni għal stimoli esterni (bħal sinjali minn jew permezz ta' sistema ċentrali ta' ġestjoni tal-enerġija fid-dar, sinjali tal-prezzijiet, sinjali ta' kontroll dirett, kejl lokali) jew kapaċi li joffru servizzi oħra li jżidu l-effiċjenza enerġetika u l-użu ta' enerġija rinnovabbli, bil-għan li jitjieb l-impatt ambjentali tal-użu tal-enerġija fis-sistema tal-enerġija kollha;*
- (e) il-postijiet fejn għandha tiġi esposta t-tikketta, bħal meta titwaħħal mal-**unità** tal-prodott *fejn ma ssirilha l-ebda ħsara*, stampata fuq l-imballaġġ, ipprovduta f'format elettroniku jew murija online, *b'kont meħud tar-rekwiżiti tal-Artikolu 3(1), u tal-implikazzjonijiet għall-klijenti, il-fornituri u n-negozjanti;*
- (f) fejn hu xieraq, jintuża mezz elettroniku għat-tikkettar tal-prodotti;
- (g) il-mod li bih it-tikketta u l-**iskeda** informattiva dwar il-**prodott** għandhom jiġu pprovduti f'każ ta' bejgħ mill-bogħod;

- (h) *il-kontenuti meħtieġa* u, fejn xieraq, il-format u dettalji oħra li jikkonċernaw *l-iskeda informattiva dwar il-prodott u d-dokumentazzjoni teknika, inkluż il-possibbiltà li jiddaħħlu l-parametri tal-iskeda informattiva dwar il-prodott fil-bażi tad-data skont l-Artikolu 3(1)*;
- (i) *it-tolleranzi tal-verifika li għandhom jintużaw mill-Istati Membri* meta jivverifikaw il-konformità mar-rekwiżiti **■** ;
■
- (j) *kif* il-klassi tal-enerġija u l-firxa tal-klassijiet tal-effiċjenza disponibbli fuq it-tikketta *għandhom* jiġu nklużi fir-reklami *viżivi* u l-materjal promozzjonali tekniku, inkluż *il-leġibbiltà u l-viżibbiltà*;
- (k) **■** il-metodi ta' kejl u ta' kalkolu *msemmija fl-Artikolu 13*, li għandhom jintużaw biex tiġi determinata l-informazzjoni tat-tikketta u tal-iskeda informattiva dwar il-prodott, *inkluż id-definizzjoni tal-indiċi tal-effiċjenza enerġetika (EEI), jew parametru ekwivalenti*;
- (l) jekk, għal apparati akbar, ikunx meħtieġ livell oġġett ta' effiċjenza enerġetika biex tintlaħaq klassi ta' effiċjenza enerġetika partikolari;

- (m) il-format ta' kwalunkwe referenza addizzjonali fuq it-tikketta li tippermetti lill-klijenti jaċċessaw b'mezzi elettroniċi informazzjoni aktar dettaljata dwar il-prestazzjoni tal-prodott inkluża fl-iskeda informattiva dwar il-prodott. ***Il-format ta' dawk ir-referenzi jistgħu jieħdu l-forma ta' indirizz ta' sit elettroniku, kodiċi dinamiku ta' rispons rapidu (kodiċi QR), link fuq tikketti online jew kwalunkwe mezz adatt ieħor orjentat lejn il-konsumatur;***
- (n) ***fejn xieraq***, kif għandhom jintwerew ■ fuq l-iskrin interattiv tal-prodott il-klassijiet tal-effiċjenza enerġetika li jiddeskrivu l-konsum tal-enerġija tal-prodott waqt li qed jintuża;
- (o) id-data tal-evalwazzjoni u r-reviżjoni ***konsegwenti*** possibbli tal-att delegat;
-
- (p) ***fejn xieraq, id-differenzi fir-rendiment tal-enerġija f'diversi reġjuni klimatiċi;***
- (q) ***fir-rigward tar-rekwiżit fl-Artikolu 4(6) li tinżamm informazzjoni fil-parti tal-konformità tal-bażi tad-data, perijodu ta' żamma li jkun inqas minn 15-il sena, fejn xieraq b'rabta mal-ħajja medja tal-prodott.***

4. *Il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat separat għal kull grupp speċifiku ta' prodotti. Meta l-Kummissjoni tiddeċiedi dwar meta għandu jiġi adottat l-att delegat għal grupp speċifiku ta' prodotti, hija m'għandhiex iddewwem l-adozzjoni tiegħu għal raġunijiet marbuta mal-adozzjoni ta' att delegat ieħor li jirrigwarda grupp speċifiku ieħor ta' prodotti, sakemm ċirkostanzi eċċezzjonali ma jitolbux mod ieħor.*
5. *Il-Kummissjoni għandha żżomm inventarju aġġornat tal-atti delegati kollha rilevanti, kif ukoll tal-miżuri li jfasslu d-Direttiva 2009/125/KE, inkluż ir-referenzi kompluti għall-istandards armonizzati rilevanti kollha.*

Artikolu 17

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adoxxjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni soġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
2. Is-setgħa ta' adoxxjoni ta' **atti delegati** msemija fl-Artikolu 11 (4) u (5) u l-Artikolu 16 hija mogħtija lill-Kummissjoni għal perijodu ta' **sitt snin** minn ... **[l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perijodu ta' sitt snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perijodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjona għal tali estensjoni mhux aktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perijodu.**
3. **Id-delega** ta' setgħa msemija fl-Artikolu 11(4) u (5) u l-Artikolu 16 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'**dik id-deċiżjoni**. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. M'għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. ***Qabel ma' tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. Il-konsultazzjoni tal-esperti tal-Istati Membri għandha ssir wara l-konsultazzjoni skont l-Artikolu 14.***
5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 11(4) u (5) u l-Artikolu 16 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se jrin joġġezzjonaw. Dan il-perijodu jista' jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 18

Proċedura tal-kumitat

- 1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat stabbilit bl-Artikolu 19 tad-Direttiva 2009/125/KE. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fit-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011. 2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.***

Artikolu 19

Evalwazzjoni *u rapport*

*Sa... [l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, jekk jogħġbok daħħal id-data tmien snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u **tippreżenta** rapport lill-Parlament Ewropew u **lill-Kunsill**. **Dak** ir-rapport għandu jivvaluta kemm dan ir-Regolament **u l-atti delegati u ta' implimentazzjoni adottati skont dan** ippermettew lill-konsumaturi jagħżlu prodotti aktar effiċjenti b'mod effettiv, b'kont meħud tal-impatti tiegħu fuq in-negozju, **il-konsum tal-enerġija, l-emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra, l-attivitajiet ta' sorveljanza tas-suq, u l-ispiża biex tiġi stabbilita u miżmuma l-bażi tad-data.***

Artikolu 20

Tħassir *u miżuri transizzjonali*

1. Id-Direttiva 2010/30/UE hija mħassra b'effett minn ... *[l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].*
2. Ir-referenzi għad-Direttiva **mħassra** ■ għandhom jiġu interpretati bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni stabbilita fl-Anness II.
3. **Għall-mudelli li unitajiet tagħhom tqiegħdu fis-suq jew tqiegħdu fis-servizz f'konformità mad-Direttiva 2010/30/UE qabel ... [l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-fornitur għandu, għal perijodu li jintemm ħames snin wara li l-aħħar unità tkun ġiet manifatturata, jagħmel verżjoni elettronika tad-dokumentazzjoni teknika disponibbli għal spezzjoni fi żmien 10 ijiem minn meta jirċievi talba mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jew mill-Kummissjoni.**

4. ***L-atti delegati adottati skont l-Artikolu 10 tad-Direttiva 2010/30/UE u d-Direttiva 96/60/KE għandhom jibqgħu fis-seħħ sakemm jiġu mħassra b'att delegat adottat skont l-Artikolu 16 ta' dan ir-Regolament li jkopri l-grupp ta' prodotti rilvanti. Obbligi taħt dan ir-Regolament għandhom japplikaw fir-rigward ta' gruppi ta' prodotti koperti b'atti delegati adottati skont l-Artikolu 10 tad-Direttiva 2010/30/UE u bid-Direttiva 96/60/KE.***
5. ***Fir-rigward tal-gruppi ta' prodotti diġà koperti b'atti delegati adottati skont l-Artikolu 10 tad-Direttiva 2010/30/UE, jew bid-Direttiva 96/60/KE, meta l-Kummissjoni tadotta atti delegati skont l-Artikolu 16 ta' dan ir-Regolament, il-klassifikazzjoni tal-effiċjenza enerġetika stabbilita bid-Direttiva 2010/30/UE tista', b'deroga mill-punt (b) tal-Artikolu 16(3) ta' dan ir-Regolament, tkompli tapplika sad-data li fiha l-atti delegati li jintroduċu tikketti riklassifikati skont l-Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament isiru applikabbli.***

Artikolu 21

Dħul fis-seħħ ***u applikazzjoni***

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fir-***raba'*** jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika minn ... ***[l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].***

B'deroga mit-tieni paragrafu, l-Artikolu 4 dwar l-obbligi ta' fornituri fir-rigward tal-bażi tad-data tal-prodotti għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2019.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

Għall-Parlament Ewropew

Għall-Kunsill

Il-President

Il-President

ANNEX I

INFORMAZZJONI LI GĦANDHA TIDDAĦĦAL FIL-BAŻI TAD-DATA TAL-PRODOTTI U KRITERJI FUNZJONALI GĦALL-PARTI PUBBLIKA TAL-BAŻI TAD-DATA

1. Informazzjoni li għandha tiddaħħal fil-parti pubblika tal-bażi tad-data mill-fornitur:

- (a) l-isem jew it-trademark, l-indirizz, id-dettalji ta' kuntatt u identifikazzjoni legali oħra tal-fornitur;**
- (b) l-identifikatur tal-mudell;**
- (c) it-tikketta f'format elettroniku;**
- (d) il-klassi(jiet) tal-effiċjenza enerġetika u parametri oħra tat-tikketta;**
- (e) il-parametri tal-iskeda informattiva dwar il-prodott f'format elettroniku.**

2. Informazzjoni li għandha tiddaħħal fil-portal online mill-Kummissjoni:

- (a) id-dettalji ta' kuntatt tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri;**
- (b) pjan ta' ħidma skont l-Artikolu 15;**
- (c) il-minuti tal-Forum Konsultattiv;**
- (d) inventarju tal-atti delegati u ta' implimentazzjoni, il-metodi transizzjonali ta' kejl u ta' kalkolu u l-istandards armonizzati applikabbli.**

3. *L-informazzjoni li għandha tiddaħħal fil-parti tal-konformità tal-bażi tad-data mill-fornitur:*

- (a) l-identifikatur tal-mudell tal-mudelli ekwivalenti kollha li diġà tqiegħdu fis-suq;*
- (b) id-dokumentazzjoni teknika kif speċifikat fl-Artikolu 12(5).*

Il-Kummissjoni għandha tipprovdi link għas-Sistema ta' Informazzjoni u Komunikazzjoni għas-Sorveljanza tas-Suq (ICSMS), li tinkludi l-eżitu tal-kontrolli tal-konformità li jsiru mill-Istati Membri u l-miżuri proviżorji adottati.

4. *Kriterji funzjonali tal-parti pubblika tal-bażi tad-data tal-prodott:*

- (a) kull mudell ta' prodott għandu jkun jista' jinstab bħala rekord individwali;*
- (b) hija għandha tiġġenera bħala fajl uniku li jista' jinfetħ, jitniżżel u jiġi stampat tat-tikketta tal-enerġija għal kull mudell, kif ukoll il-verżjonijiet lingwistiċi tal-iskeda informattiva sħiħa dwar il-prodott, bil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni;*
- (c) l-informazzjoni għandha tkun tista' tinqara mill-magni, tista' titqiegħed f'ordni u tista' titfittex, b'rispett tal-istandards miftuħa għal użu minn parti terza, mingħajr ħlas;*
- (d) għandu jiġi stabbilit u miżmum punt ta' assistenza online jew punt ta' kuntatt għall-fornituri, indikat b'mod ċar fuq il-portal.*

ANNEX II

Tabella ta' Korrelazzjoni

<i>(Direttiva 2010/30/UE)</i>	<i>Dan ir-Regolament</i>
<i>Artikolu 1(1)</i>	<i>Artikolu 1(1)</i>
<i>Artikolu 1(2)</i>	—
<i>Artikolu 1(3)(a) u (b)</i>	<i>Artikolu 1(3)(a) u (b)</i>
<i>Artikolu 1(3)(c)</i>	—
<i>Artikolu 2</i>	<i>Artikolu 2</i>
<i>Artikolu 2(a)</i>	<i>Artikolu 2(1)</i>
<i>Artikolu 2(b)</i>	<i>Artikolu 2(22)</i>
<i>Artikolu 2(c)</i>	—
<i>Artikolu 2(d)</i>	—
<i>Artikolu 2(e)</i>	—
<i>Artikolu 2(f)</i>	—
<i>Artikolu 2(g)</i>	<i>Artikolu 2(13)</i>
<i>Artikolu 2(h)</i>	<i>Artikolu 2(14)</i>
<i>Artikolu 2(i)</i>	<i>Artikolu 2(8)</i>
<i>Artikolu 2(j)</i>	<i>Artikolu 2(9)</i>
<i>Artikolu 2(k)</i>	—
<i>Artikolu 3</i>	<i>Artikolu 7</i>
<i>Artikolu 3(1)</i>	<i>Artikolu 7(3)</i>
<i>Artikolu 3(1)(b)</i>	<i>Artikolu 6(c)</i>
<i>Artikolu 3(1)(c)</i>	<i>Artikolu 7(3)</i>
<i>Artikolu 3(1)(d)</i>	<i>Artikolu 8(2)</i>

<i>(Direttiva 2010/30/UE)</i>	<i>Dan ir-Regolament</i>
<i>Artikolu 3(2)</i>	<i>Artikolu 6(b) u Artikolu 9</i>
<i>Artikolu 3(3)</i>	<i>Artikolu 8(1)</i>
<i>Artikolu 3(4)</i>	—
<i>Artikolu 4(a)</i>	<i>Artikolu 5</i>
<i>Artikolu 4(b)</i>	—
<i>Artikolu 4(c)</i>	<i>Artikolu 6(a)</i>
<i>Artikolu 4(d)</i>	<i>Artikolu 6(a)</i>
<i>Artikolu 5</i>	<i>Artikolu 3(1) u Artikolu 6</i>
<i>Artikolu 5(a)</i>	<i>Artikolu 3(1)</i>
<i>Artikolu 5(b), punti (i), (ii), (iii) u (iv)</i>	<i>Artikolu 4(6) u Anness I</i>
<i>Artikolu 5(c)</i>	<i>Artikolu 4(6)</i>
<i>Artikolu 5(d)</i>	<i>Artikolu 3(1)</i>
<i>Artikolu 5(d), it-tieni subparagrafu</i>	<i>Artikolu 3(1)</i>
<i>Artikolu 5(e)</i>	<i>Artikolu 3(1)</i>
<i>Artikolu 5(f)</i>	—
<i>Artikolu 5(g)</i>	<i>Artikolu 3(1)</i>
<i>Artikolu 5(h)</i>	—
<i>Artikolu 6</i>	<i>Artikolu 5(1) u Artikolu 6</i>
<i>Artikolu 6(a)</i>	<i>Artikolu 5(1)(a)</i>
<i>Artikolu 6(b)</i>	<i>Artikolu 5(1)(a)</i>
<i>Artikolu 7</i>	<i>Artikolu 16(3)(e) u (g)</i>
<i>Artikolu 8(1)</i>	<i>Artikolu 7(1)</i>
<i>Artikolu 8(2)</i>	—
<i>Artikolu 9(3)</i>	<i>Artikolu 7(2)</i>
<i>Artikolu 9(4)</i>	—

<i>(Direttiva 2010/30/UE)</i>	<i>Dan ir-Regolament</i>
<i>Artikolu 10(1)</i>	<i>Artikolu 16</i>

<i>(Direttiva 2010/30/UE)</i>	<i>Dan ir-Regolament</i>
<i>Artikolu 10(1), it-tieni paragrafu</i>	<i>Artikolu 16(2)</i>
<i>Artikolu 10(1), it-tielet paragrafu</i>	—
<i>Artikolu 10(1) ir-raba' paragrafu</i>	<i>Artikolu 16(3)(c)</i>
<i>Artikolu 10(2)(a)</i>	<i>Artikolu 16(2)(a)</i>
<i>Artikolu 10(2)(b)</i>	<i>Artikolu 16(2)(b)</i>
<i>Artikolu 10(2)(c)</i>	—
<i>Artikolu 10(3)(a)</i>	—
<i>Artikolu 10(3)(b)</i>	—
<i>Artikolu 10(3)(c)</i>	<i>Artikolu 14</i>
<i>Artikolu 10(3)(d)</i>	—
<i>Artikolu 10(4)(a)</i>	<i>Artikolu 16(3)(a)</i>
<i>Artikolu 10(4)(b)</i>	<i>Artikolu 16(3)(k)</i>
<i>Artikolu 10(4)(c)</i>	<i>Artikolu 16(3)(h)</i>
<i>Artikolu 10(4)(d)</i>	<i>Artikolu 16(3)(b)</i>
<i>Artikolu 10(4)(d) it-tieni paragrafu</i>	—
<i>Artikolu 10(4)(d), it-tielet paragrafu</i>	<i>Artikolu 16(3)(b)</i>
<i>Artikolu 10(4)(d) ir-raba' paragrafu</i>	<i>Artikolu 11(3)</i>
<i>Artikolu 10(4)(d) il-ħames paragrafu</i>	<i>Artikolu 11</i>
<i>Artikolu 10(4)(e)</i>	<i>Artikolu 16(3)(e)</i>
<i>Artikolu 10(4)(f)</i>	<i>Artikolu 16(3)(h)</i>
<i>Artikolu 10(4)(g)</i>	<i>Artikolu 16(3)(j)</i>
<i>Artikolu 10(4)(h)</i>	<i>Artikolu 11(3)</i>
<i>Artikolu 10(4)(i)</i>	<i>Artikolu 16(3)(i)</i>
<i>Artikolu 10(4)(j)</i>	<i>Artikolu 16(3)(o)</i>
<i>Artikolu 11(1)</i>	<i>Artikolu 17(2)</i>

<i>(Direttiva 2010/30/UE)</i>	<i>Dan ir-Regolament</i>
<i>Artikolu 11(2)</i>	<i>Artikolu 17(5)</i>
<i>Artikolu 11(3)</i>	<i>Artikolu 17(1)</i>
<i>Artikolu 12(1)</i>	<i>Artikolu 17(3)</i>
<i>Artikolu 12(2)</i>	—
<i>Artikolu 12(3)</i>	<i>Artikolu 17(3)</i>
<i>Artikolu 13</i>	<i>Artikolu 17(6)</i>
<i>Artikolu 14</i>	<i>Artikolu 19</i>
<i>Artikolu 15</i>	<i>Artikolu 7(4)</i>
<i>Artikolu 16</i>	—
<i>Artikolu 17</i>	<i>Artikolu 20</i>
<i>Artikolu 18</i>	<i>Artikolu 21</i>
<i>Artikolu 19</i>	<i>Artikolu 21</i>
<i>Anness I</i>	—
—	<i>Anness I</i>
<i>Anness II</i>	<i>Anness II</i>

Dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni

dwar l-Artikoli 290 u 291 TFUE

"Filwaqt li jfakkru fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet, b'mod partikolari l-paragrafu 26 tiegħu, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jiddikjaraw li d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament m'għandhomx jippreġudikaw kwalunkwe pożizzjoni futura tal-istituzzjonijiet fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Artikoli 290 u 291 TFUE f'fajls leġiżlattivi oħra."

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-kumpens finanzjarju għall-konsumaturi

"Fid-dawl tal-isforzi kontinwi tagħha biex issaħħaħ l-infurzar tal-leġislazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni għall-prodotti, il-Kummissjoni, - sabiex tindirizza t-telf finanzjarju potenzjali għall-konsumaturi minħabba prodotti li jkunu ttikkettati b'mod ħażin jew minħabba prestazzjoni tal-enerġija u ambjentali li tkun inqas minn dik indikata fuq it-tikketta, - għandha tinvestiga jekk il-kumpens għall-konsumaturi f'każ ta' nuqqas ta' konformità fir-rigward tal-klassi tal-effiċjenza enerġetika indikata fuq it-tikketta jistax jiġi indirizzat."
